Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp
Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

2025/2014(INI)

28.3.2025

EMENDI
326 - 589

Abbozz ta' rapport
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris
(PE768.093v01-00)

L-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fid-dawl tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli 2025
(2025/2014(INI))

Emenda 326
Abir Al-Sahlani, Charles Goerens, Barry Andrews

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella għal sforzi aċċellerati biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura, u biex jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati;	11. Jappella għal sforzi aċċellerati biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura, u biex jiġu żgurati parteċipazzjoni u tmexxija ***sħaħ,*** ugwali ***u sinifikattivi tan-nisa fi rwoli*** ta' ***teħid ta' deċiżjonijiet u*** opportunitajiet fis-setturi pubbliċi u privati***, inkluż fis-settur tal-paċi u tas-sigurtà***;

Or. en

Emenda 327
Aurelijus Veryga, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella għal sforzi ***aċċellerati*** biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura, u biex jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati;	11. Jappella għal sforzi biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura, u biex jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati; ***jappella għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika;***

Or. en

Emenda 328
Marko Vešligaj, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella għal sforzi aċċellerati biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura, u ***biex*** jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati;	11. Jappella għal sforzi aċċellerati biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura, ***kif ukoll biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-suq tax-xogħol*** u jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati;
	Or. en

Emenda 329
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jiggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, għas-saħħa u għas-sikurezza tagħhom, inklużi nuqqas ta' sigurtà alimentari u tal-ilma, esponiment akbar għal vjolenza abbażi tal-ġeneru matul spostament u migrazzjoni kkawżati mit-tibdil fil-klima, u instabbiltà ekonomika akbar minħabba d-dipendenza minn setturi sensittivi għat-tibdil fil-klima; jappella għall-integrazzjoni ta' strateġiji reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-politiki tal-azzjoni dwar il-klima biex jiġu indirizzati dawn il-vulnerabbiltajiet u n-nisa jingħataw is-setgħa bħala aġenti ewlenin tal-bidla;
	Or. en

Emenda 330

Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati x-xejriet negattivi li jxekklu l-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE inklużi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u d-diskors politiku sessist dejjem aktar prevalenti; jilqa' f'dan ir-rigward il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tan-Nisa bħala boxxla għal azzjoni tal-UE futura fil-qasam kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Unjoni; jisħaq li dan il-pjan direzzjonali għandu jrawwem l-implimentazzjoni ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi għal progress u obbligu ta' rendikont akbar fuq l-SDG 5;

Or. en

Emenda 331
Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq fuq l-importanza tal-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea għad-drittijiet tan-nisa biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tiswir tal-istrateġija għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri l-ġdida mill-2026; jappella għal involviment aktar qawwi tal-Istati Membri u jħeġġeġ approċċ komprensiv li jindirizza s-servizzi sesswali u riproduttivi, id-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-protezzjoni ta' nisa vulnerabbli;

Or. en

Emenda 332
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-ommijiet mhux miżżewġin, li jirrappreżentaw sehem importanti mill-familji b'ġenitur wieħed fl-Ewropa, huma partikolarment vulnerabbli għall-prekarjetà ekonomika u għad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri li jappoġġjaw l-impjieg u t-taħriġ għal dawn in-nisa sabiex tiġi ggarantita l-awtonomija ekonomika tagħhom;

Or. fr

Emenda 333
András Tivadar Kulja, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fil-politiki tas-saħħa pubblika u fl-istrateġiji tas-saħħa nazzjonali kollha; iħeġġeġ l-użu ta' indikaturi allinjati mal-SDGs biex jimmonitorjaw l-impatti fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima u jiggwidaw strateġiji ta' adattament fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;

Or. en

Emenda 334
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar li aktar minn 230 miljun tifla u mara saritilhom mutilazzjoni ġenitali femminili u jiddeplora l-fatt li stimi ġodda juru żieda ta' 30 miljun każ meta mqabbla ma' tmien snin ilu;

Or. en

Emenda 335
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jiddeplora l-attakki mhux iġġustifikati dejjem jiżdiedu kontra organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kemm fl-UE kif ukoll madwar id-dinja;

Or. en

Emenda 336
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Emma Fourreau, Catarina Martins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-LGBTIQ+ irid ikollhom ukoll rwol importanti fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 337
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jirrikonoxxi li, minkejja l-progress, 122 miljun tifla madwar id-dinja ma jattendux għall-iskola, b'diskrepanzi sinifikanti fl-Afrika sub-Saħarjana fejn il-bniet għandhom anqas ċans li jattendu kwalunkwe livell edukattiv, u fl-Afganistan, fejn restrizzjonijiet severi fuq l-edukazzjoni tal-bniet ċaħħduhom minn edukazzjoni sekondarja u għolja; jenfasizza li aċċess ugwali għall-edukazzjoni huwa fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli, it-tnaqqis tal-faqar u l-prosperità ekonomika, għaliex jagħti s-setgħa lin-nisa u lill-bniet jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà: jappella għall-integrazzjoni ta' strateġiji reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-politiki tal-edukazzjoni biex jindirizzaw dawn l-inugwaljanzi;

Or. en

Emenda 338
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jappella għall-implimentazzjoni sħiħa ta' politiki tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza

bejn il-Ġeneri), inklużi fil-komponenti tal-SRHR u jinsisti li din l-implimentazzjoni trid tiġi appoġġjata b'finanzjament adegwat, inkluż għad-drittijiet tan-nisa u l-organizzazzjoni tal-SRHR;

Or. en

Emenda 339
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jisħaq li, filwaqt li n-nisa għandhom 40 % tal-impjieg globali, fl-2022 huma okkupaw biss 27,5 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali, l-istess perċentwal bħal fl-2016; jenfasizza kif liġijiet restrittivi u protezzjoni soċjali mhux adegwata se joħolqu ostakli kbar li jeħtieġ li jitneħħew;

Or. en

Emenda 340
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jinnota li l-persuni li jindokraw b'mod informali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, bħala medja, jiddedikaw 22 siegħa fil-ġimgħa biex jieħdu ħsieb qarib tagħhom mingħajr kumpens finanzjarju adegwat, li għandu impatt sinifikanti fuq l-indipendenza ekonomika u l-karriera tagħhom;

Or. fr

Emenda 341
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jitlob li jiġi aċċellerat l-inkoraġġiment tad-dritt li kull mara tibbilanċja l-ħajja professjonali u privata tagħha billi jiġu promossi r-responsabbiltà konġunta u kundizzjonijiet tax-xogħol li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata, tal-ħajja tal-familja u tal-ħajja lavorattiva;

Or. en

Emenda 342
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà sproporzjonata tan-nisa u l-bniet fi kriżijiet ta' kunflitt u umanitarji, inkluż ir-riskju akbar ta' vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, l-ispostament u t-tfixkil ta' servizzi essenzjali; jafferma mill-ġdid ir-rwol vitali tan-nisa u l-bniet fil-konsolidazzjoni tal-paċi, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt u l-bini mill-ġdid wara l-kunflitt, filwaqt li jenfasizza l-parteċipazzjoni essenzjali tagħhom fin-negozjati tal-paċi u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif deskritt fl-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS); jistieden l-inklużjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa u l-bniet fl-isforzi għall-paċi, fil-promozzjoni ta' strateġiji

tal-paċi sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-għoti tas-setgħa lilhom, u jikkontribwixxu għall-paċi sostenibbli;

Or. en

Emenda 343
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jissottolinja li n-nisa u l-bniet huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-kriżi klimatika u li huma meħtieġa miżuri reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex isaħħu l-effettività tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima; jinsab ħerqan għall-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar il-Ġeneru fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu rwol ta' gwida fl-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru ġdid, ambizzjuż u effettiv fil-COP30;

Or. en

Emenda 344
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jiddeplora d-diskrepanzi fl-aċċess għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal u s-servizzi tas-saħħa bejn reġjuni Ewropej differenti; jappella għal azzjoni koordinata biex tiġi żgurata ugwaljanza

reali tal-aċċess għas-servizzi fundamentali għan-nisa kollha, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom;

Or. fr

Emenda 345
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jappella għal politiki u azzjonijiet aktar b'saħħithom li jippromwovu aċċess għall-art, għall-kreditu, għall-intraprenditorija u għall-edukazzjoni, kif ukoll għall-impjieg u għas-saħħa, b'mod speċjali lil dawn in-nisa u l-bniet f'ċirkostanzi ta' vulnerabbiltà, nisa b'diżabbiltà, nisa tqal u nisa f'żoni rurali;

Or. en

Emenda 346
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Ifakkar li n-nisa ġeneralment iwettqu l-biċċa l-kbira tax-xogħol domestiku u tal-kura mingħajr ħlas u jqis li dan il-piż sproporzjonat huwa amplifikat f'familji b'introjtu baxx, li jikkontribwixxi għall-faqar, għall-inugwaljanza u għall-prekarjetà, filwaqt li jillimita wkoll il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 347
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Jinnota li n-nisa b'mod sproporzjonat jingħataw anqas aċċess għal riżorsi finanzjarji għal proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima u ta' mitigazzjoni tiegħu; iqis li l-aċċess tan-nisa għal finanzjament inklużiv għall-klima għandu jiżdied u jkun iffaċilitat; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jirrapportaw dwar ir-reattività għall-kwistjonijiet ta' ġeneru tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u jsaħħu l-koerenza bejn l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-klima permezz ta' strumenti ta' azzjoni esterna u tal-BEI;

Or. en

Emenda 348
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Jenfasizza li d-diskrepanza fir-remunerazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fl-Unjoni Ewropea għadha bħala medja ta' 13 % u taqbeż l-20 % f'ċerti setturi bħas-settur tas-saħħa u dak soċjali;

Or. fr

Emenda 349
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11e. Jieħu nota tat-tagħlimiet meħuda elenkati fis-Sinteżi tal-evalwazzjonijiet tas-sistema tan-NU tal-SDG 5 mill-2024, inkluża l-importanza li r-rġiel u s-subien jiġu involuti b'mod effettiv fl-ipprogrammar dwar kwistjonijiet li jeżiġuhom jibdlu l-imġiba tagħhom biex jintlaħqu l-miri, jew il-prijoritizzazzjoni sostnuta u komprensiva tal-miri fl-ambjenti umanitarji;

Or. en

Emenda 350
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11e. Jisħaq li l-interruzzjoni fil-karriera tan-nisa minħabba responsabbiltajiet tal-familja twassal għal telf ta' introjtu fit-tul u nuqqas fil-pensjonijiet li bħala medja jista' jkun sa 30 %;

Or. fr

Emenda 351
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11f. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u kontinwu għall-ommijiet, b'mod partikolari l-ommijiet mhux miżżewġin, sabiex ikunu jistgħu jiksbu kompetenzi ġodda u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom; jenfasizza l-importanza ta' miżuri għat-taħriġ flessibbli, inkluż soluzzjonijiet għall-indukrar tat-tfal u taħriġ online, biex iwieġbu għal-limiti tal-ommijiet li jinsabu f'sitwazzjoni ta' prekarjetà professjonali;

Or. fr

Emenda 352
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jinsab allarmat*** li l-miri tal-SDG 8 jiffaċċjaw l-ogħla rati ta' staġnar jew ta' rigressjoni fost l-SDGs taħt rieżami fil-fond fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF) 2025;	12. ***Jieħu nota*** li l-miri tal-SDG 8 jiffaċċjaw l-ogħla rati ta' staġnar jew ta' rigressjoni fost l-SDGs taħt rieżami fil-fond fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF) 2025;

Or. en

Emenda 353
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iwissi dwar ir-riskji maħluqa mit-tibdil fil-klima u mill-eventi ta' temp estrem għas-saħħa u s-sikurezza tal-

ħaddiema, b'mod partikolari fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ipproċessar tal-ikel u tal-ospitalità; jisħaq fuq l-importanza ta' "Tranżizzjoni Ġusta" waqt l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija, biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ekwa u inklużiva kemm jista' jkun għal kull min ikun ikkonċernat, filwaqt li jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol deċenti u ma jitħalla lil ħadd jibqa' lura;

Or. en

Emenda 354
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jesprimi dispjaċir għat-tnaqqis sostanzjali fl-aħħar għaxar snin fir-rigward tad-drittijiet tax-xogħol, il-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet tan-negozjar kollettiv, li għandu implikazzjonijiet negattivi għall-ġustizzja soċjali u għall-promozzjoni tal-impjieg produttiv u tax-xogħol deċenti għal kulħadd;

Or. en

Emenda 355
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jafferma l-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri soċjali biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi f'konformità mal-prinċipju

li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi soċjali tal-inflazzjoni, tal-pressjonijiet baġitarji dejjem jikbru u tat-tensjonijiet ġeopolitiċi;

Or. en

Emenda 356
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti ***bħall-Global Gateway*** biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; ***jirrikonoxxi r-rwol tal-finanzjamenti privati biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament biex jintlaħqu l-SDGs, iżda jenfasizza li s-settur privat ma jistax jissostitwixxi l-investimenti pubbliċi f'servizzi kritiċi bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali, li jipprovdu prospetti kruċjali fuq terminu twil biex jinqered il-faqar;*** iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti ***bħall-NDICI-Ewropa Globali*** biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; ***jinsisti li l-Global Gateway għandha dejjem tirrispetta l-valuri fundamentali tal-UE, fosthom ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-governanza tajba, tad-demokrazija u tat-trasparenza kif ukoll tas-sostenibbiltà ambjentali; jerġa' jfakkar ukoll fil-ħtieġa li jissaħħu l-prerogattivi parlamentari fir-rigward tal-iskrutinju demokratiku u l-kontroll fuq Inizjattivi tal-Global Gateway, il-fondi tal-NDICI-Ewropa Globali, kif ikoll l-effettività tar-riżorsi pubbliċi u privati investiti fil-Global Gateway;***

Or. en

Emenda 357
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway ***biex joħolqu*** impjiegi deċenti ***li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu*** u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway***, li jippromwovi, fost l-oħrajn permezz tal-ingranaġġ ta' bosta sorsi ta' finanzjament, inklużi investimenti tas-settur privat, il-ħolqien ta'*** impjiegi deċenti ***bil-għan li jippromwovu l-opportunitajiet ekonomiċi*** u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

Or. en

Emenda 358
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura ***dment li l-benefiċjarji jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dinjità indaqs bejn in-nisa u l-irġiel***;

Or. fr

Emenda 359
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli ***li jirrispetta l-limiti tal-pjaneta***; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

Or. en

Emenda 360
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku ***inklużiv u*** sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti ***li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura***;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi ***produttivi u*** deċenti ***kif ukoll biex inaqqsu l-qgħad***;

Or. de

Emenda 361
Marko Vešligaj, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku ***sensittiv għall-ġeneru,*** inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

Or. en

Emenda 362
András Tivadar Kulja, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi territorjali u fl-akkomodazzjoni billi jiġi appoġġjat l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, adegwata u effiċjenti fl-enerġija, b'mod speċjali f'żoni urbani u rurali żvantaġġati; jappella għal investiment akbar fl-iżvilupp integrat tal-komunità, fl-infrastruttura soċjali u fis-servizzi bażiċi biex jiġu promossi l-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni ekonomika;

Or. en

Emenda 363
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq fuq l-importanza għall-iżvilupp sostenibbli tal-popolazzjoni żagħżugħa li qed tespandi fin-Nofsinhar Globali; jisħaq bil-qawwa fuq il-ħolqien ta' rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjieg, biex jingħata aċċess għal xogħol deċenti fis-suq tax-xogħol li qed jinbidel b'pass mgħaġġel;

Or. en

Emenda 364
Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja li politika tal-iżvilupp koerenti li tikkombina l-għajnuna umanitarja, l-investiment u l-kummerċ mar-rispett lejn l-ambjent u l-prattiki tradizzjonali tista' tindirizza l-kawża ewlenija ta' ħafna problemi internazzjonali, bħall-migrazzjoni;

Or. el

Emenda 365
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jenfasizza li l-avvanz tal-interessi ekonomiċi tal-UE bħat-tkabbir ekonomiku u x-xogħol deċenti għandu jinkludi wkoll il-ħolqien ta' sħubiji stabbli mmexxija minn interessi reċiproċi u li l-

politiki esterni tal-UE kollha jridu jkunu inkorporati fil-qafas akbar tal-Aġenda 2030 filwaqt li l-politika tal-UE dwar l-iżvilupp u l-użu tal-ODA tal-UE jrid jibqa' ffukat fuq il-ġlieda kontra l-faqar u ma jiddevjax minn dan l-objettiv primarju kif iddefinit mid-DAC tal-OECD; ifakkar ukoll li l-ODA tal-UE trid tagħti prijorità lill-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab l-aktar fil-bżonn: il-Pajjiżi b'Introjtu Baxx, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi affettwati minn fraġilità, kunflitt u kriżi;

Or. en

Emenda 366
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika u xokkijiet esterni;	14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika u xokkijiet esterni; ***jenfasizza li r-rata ta' impjieg tal-ommijiet mhux miżżewġin hija 10 punti aktar baxxa mill-medja għan-nisa attivi fl-UE, minħabba nuqqas ta' soluzzjonijiet għall-indukrar u l-prekarjetà tal-impjieg; jappella għall-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki speċifiċi li jippromwovu l-aċċess tagħhom għall-impjieg u ż-żamma tiegħu, inkluż permezz ta' inċentivi fiskali u miżuri ta' taħriġ adattati;***

Or. fr

Emenda 367
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika u xokkijiet esterni;	14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika u xokkijiet esterni ***u l-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 368
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar li t-tassazzjoni progressiva hija kruċjali biex isir progress fit-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll fil-ġustizzja soċjali u ekonomika; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir tfittix għal sorsi ġodda ta' finanzjament, b'mod partikolari minn setturi li jikkontribwixxu l-anqas tassazzjoni filwaqt li jibbenefikaw l-aktar mill-globalizzazzjoni, inklużi dawk bl-akbar emissjonijiet ta' karbonju u ta' gassijiet serra; jitlob, b'mod partikolari, li jiġu stabbiliti taxxi speċifiċi, bħal imposta fuq il-profitti straordinarji mhux mistennija tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili, fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-emissjonijiet mit-trasport marittimu u mill-avjazzjoni, biex jiġi megħjun il-finanzjament tal-beni pubbliċi globali u jiġi appoġġjat l-iżvilupp sostenibbli;

Or. en

Emenda 369
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja li fl-2023 kien hemm aktar minn żewġ biljun ħaddiem f'impjiegi informali mingħajr protezzjoni soċjali madwar id-dinja, filwaqt li fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, fl-Afrika sub-Saħarjana u fl-Asja Ċentrali u tan-Nofsinhar, kważi 9 minn kull 10 ħaddiema għadhom impjegati b'mod informali; jesprimi tħassib serju dwar l-ostakli enormi fl-ilħuq tal-mira ta' xogħol deċenti għal kulħadd u huwa allarmat li d-deterjorament tad-drittijiet tal-ħaddiema qed jaffettwa r-reġjuni differenti kollha;

Or. en

Emenda 370
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza li l-inizjattivi lokali li jindirizzaw ħtiġijiet tal-komunità uniċi għandhom rwol vitali fit-trawwim ta' tkabbir ekonomiku ekwu; jissottolinja wkoll li l-kooperazzjoni reġjonali dwar il-kurituri ekonomiċi ssaħħaħ in-negozju, l-investiment, l-industrijalizzazzjoni sostenibbli u d-diversifikazzjoni ekonomika;

Or. en

Emenda 371
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ***ta' kwalità, b'enfasi speċjali fuq il-promozzjoni tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa permezz, fost l-oħrajn, tal-programmi ta' appoġġ għall-intraprenditorija f'pajjiżi sħab, l-iżgurar ta' aċċess ekwu għal opportunitajiet tan-negozju u l-inkoraġġiment ta' programmi ta' taħriġ speċifiċi għan-nisa b'diżabbiltà u f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà***;

Or. en

Emenda 372
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. ***Itenni l-importanza ta' politiki li jappoġġjaw l-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ taż-żgħażagħ;*** jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ***sabiex tingħata spinta lill-impjieg ta' kwalità għolja u jitnaqqas id-distakk fl-impjieg taż-żgħażagħ u tan-nisa***;

Or. en

Emenda 373
Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet***, b'enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni universitarja u ta' wara l-ewwel grad u fuq strutturi simili bħall-ITS (istitut tekniku superjuri)***;

Or. it

Emenda 374
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet***, b'mod partikolari li jsaħħaħ il-kwalità tal-edukazzjoni, filwaqt li jallinja t-taħriġ fil-ħiliet mad-domandi tas-suq u li jappoġġja l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kumpaniji ġodda***;

Or. en

Emenda 375
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni ***u*** fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni***,*** fl-iżvilupp tal-ħiliet ***u fi prattiki ta' negozju sostenibbli, bħall-***

promozzjoni ta' prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, it-tnaqqis tal-iskart u l-promozzjoni ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali responsabbli;

Or. en

Emenda 376
András Tivadar Kulja, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet***, inklużi t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet***;

Or. en

Emenda 377
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat ***fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali,*** fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;

Or. en

Emenda 378
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ***fl-Istati Membri***;

Or. fr

Emenda 379
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Iħeġġeġ iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur teknoloġiku u dak xjentifiku, fejn attwalment jirrappreżentaw 17 % tal-impjiegi fl-inġinerija u l-informatika;

Or. fr

Emenda 380
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) Jisħaq li 80 % tal-persuni li jindokraw b'mod informali fl-Ewropa huma nisa u li l-piż tal-kura tagħhom għandu impatt dirett fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, b'rata ta' impjiegi mnaqqsa u telf ta' introjtu fit-tul; jappella għar-rikonoxximent uffiċjali tax-xogħol tal-persuni li jindokraw b'mod informali u li jiġu stabbiliti liv imħallas u drittijiet soċjali speċifiċi;

Or. fr

Emenda 381
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) Jenfasizza li n-nisa li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi u insulari jiffaċċjaw qgħad strutturali kbir u żieda fil-prekarjetà tal-impjiegi; jappella lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri li jappoġġjaw l-intraprenditorjat tan-nisa u jtejbu l-aċċess għall-finanzjament għal proġetti li jsiru min-nisa f'dawn ir-reġjuni;

Or. fr

Emenda 382
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) Jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-nisa għadhom qed jiltaqgħu ma' aktar diffikultajiet mill-irġiel biex jaċċessaw self u finanzjament ħalli joħolqu l-intrapriża tagħhom, minkejja li l-intrapriżi mmexxija min-nisa għandhom rati ta' suċċess simili jew ogħla; jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej jistabbilixxu fondi ta' garanzija u miżuri ta' appoġġ speċifiċi għall-intraprendituri nisa;

Or. fr

Emenda 383

Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinnota li d-disparitajiet bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol jibqgħu sfida persistenti li trid tiġi indirizzata bħala parti mill-aġenda tax-xogħol deċenti; jisħaq li l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol tirrikjedi l-promozzjoni ta' politiki li jiżguraw opportunitajiet indaqs (jiġifieri billi jiġu adottati regoli li jeliminaw il-prattiki diskriminatorji u l-ostakli għall-aċċess fuq il-post tax-xogħol, jindirizzaw ix-xogħol tal-kura mhux imħallas, jinvestu fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-emanċipazzjoni tan-nisa, eċċ.), il-ħlas ġust u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal kulħadd;

Or. en

Emenda 384
Antonella Sberna, Pietro Fiocchi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappella għall-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjamenti mill-SMEs, inaqqsu l-piż burokratiku u joħolqu ambjent favorevoli għan-negozju li jrawwem l-investiment u l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 385
Laurent Castillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ***ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja*** soċjali, ***tad-drittijiet*** tax-xogħol jew ***tal-protezzjoni*** ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ***jistgħu jsiru filwaqt li jiġu ppreservati l-ġustizzja*** soċjali, ***id-drittijiet*** tax-xogħol jew ***il-protezzjoni*** ambjentali;

Or. fr

Emenda 386
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ***ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni*** ambjentali;	16. Jenfasizza li ***jrid jintlaħaq bilanċ ġust bejn*** l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ***u l-protezzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli, filwaqt li jiġu żgurati opportunitajiet ġusti u impenn*** ambjentali ***responsabbli***;

Or. en

Emenda 387
András Tivadar Kulja, Ingeborg Ter Laak, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ***ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja*** soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ***għandhom jimxu id f'id mal-ġustizzja*** soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;

Or. en

Emenda 388
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali; ***jistieden lill-UE tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fl-adozzjoni tat-Trattat dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex tirregola l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet tranżnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra u biex tippermetti lill-vittmi jfittxu rimedju;***

Or. en

Emenda 389
Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali; ***jenfasizza r-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà għall-ġustizzja soċjali, għad-drittijiet tax-xogħol jew għall-protezzjoni ambjentali;***

Or. en

Emenda 390
Marko Vešligaj, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;

Or. en

Emenda 391
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol***, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** jew tal-protezzjoni ambjentali;

Or. fr

Emenda 392
András Tivadar Kulja, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jappella għal integrazzjoni akbar tal-SDG 11 fil-politiki interni u esterni

tal-UE, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tiegħu fl-irbit tal-klima, tas-saħħa, tal-akkomodazzjoni, tal-mobbiltà u tal-inklużjoni soċjali; iħeġġeġ l-appoġġ għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp sostenibbli, inklużivi u reżiljenti;

Or. en

Emenda 393
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iqis li huwa skandaluż li 3 biljun ruħ jgħixu f'pajjiżi li jonfqu aktar fuq pagamenti tal-imgħax milli fuq l-edukazzjoni jew is-saħħa, u li f'pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw il-pagamenti tal-imgħax jaqbżu l-investiment fil-klima, u b'hekk inaqqsu r-ritmu tal-isforzi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-mitigazzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 394
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jappella għal livell ogħla ta' monitoraġġ u trasparenza biex jiġu pprevenuti l-korruzzjoni u l-abbuż minn persuni fiżiċi u organizzazzjonijiet involuti fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif ukoll mill-awtoritajiet lokali fir-

reġjuni fil-mira;

Or. pl

Emenda 395
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jesprimi tħassib li l-politiki ambjentali tal-Unjoni Ewropea jaffettwaw l-ekonomija b'mod negattiv u għalhekk is-sitwazzjoni ekonomika tan-nisa, li huma aktar vulnerabbli fid-dawl tal-kriżijiet ekonomiċi;

Or. fr

Emenda 396
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifakkar li t-tkabbir ekonomiku, kif imkejjel primarjament mill-PDG, ftit li xejn għandu x'jaqsam mal-prosperità u l-benesseri u li s-sostenibbiltà trid tkun fil-qalba tas-sistemi ekonomiċi;

Or. en

Emenda 397
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jappella għal aktar miżuri biex jinqerdu x-xogħol furzat, it-traffikar tal-bnedmin u biex titwaqqaf kwalunkwe forma ta' tħaddim tat-tfal, inkluż ir-reklutaġġ u l-użu ta' suldati tfal;

Or. en

Emenda 398
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li l-istrumenti eżistenti jew il-banek tal-iżvilupp (bħall-BERŻ jew il-KFW fil-Ġermanja) għandhom ikunu aktar iffukati u x-xogħol tagħhom għandu jkun rikonoxxut aħjar mill-UE;

Or. en

Emenda 399
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jappella għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-involviment tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u li jħeġġu lid-ditti jinvestu f'pajjiżi inqas żviluppati; jisħaq fuq l-importanza li jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jkun hemm kooperazzjoni dwar soluzzjonijiet teknoloġiċi b'rispons għall-isfidi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Or. pl

Emenda 400
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jiddeplora li waħda minn kull ħames persuni fid-dinja jgħixu b'livelli għolja ta' inugwaljanza, li skont data mill-2023, il-1 % l-aktar għonja fid-dinja għandhom 47,5 % tal-ġid globali, u li r-rati tat-taxxa effettivi fuq il-1 % l-aktar għonja ta' spiss huma aktar baxxi mir-rati tat-taxxa għall-bqija tal-popolazzjoni;

Or. en

Emenda 401
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jisħaq li t-tkabbir ekonomiku għandu jinkiseb b'mod soċjali u klimatiku ġust filwaqt li jirrispetta distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi skarsi fil-limiti tal-pjaneta;

Or. en

Emenda 402
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li aktar minn nofs il-forza tax-xogħol globali tinsab f'impjieg informali, li joħloq ostaklu sinifikanti għall-ġustizzja soċjali u t-tkabbir inklużiv;

Or. en

Emenda 403
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Ifakkar li l-piż tad-dejn fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw żdied b'mod sinifikanti, iggravat minn rati tal-imgħax dejjem jiżdiedu u minn xokkijiet ekonomiċi, u jappella għal azzjoni urġenti dwar is-serħan, ir-ristrutturar u l-kanċellazzjoni tad-dejn meta meħtieġ;

Or. en

Emenda 404
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jappella għal politiki inklużivi għal persuni b'diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 405

Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16d. Jissottolinja li l-firxa u d-daqs akbar tal-intrapriżi multinazzjonali u l-bidliet fil-mudelli tan-negozju ppermettew evażjoni tat-taxxa fuq skala kbira, flussi finanzjarji illiċiti u trasferiment tal-profitti, li jċaħħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn riżorsi kruċjali għall-investiment pubbliku u l-iżvilupp soċjali;

Or. en

Emenda 406
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifakkar fir-rwol kritiku tal-oċeani fir-regolazzjoni tal-klima filwaqt li jipprovdu sostenn għall-ħajja, ikel u mezz ta' għajxien għal biljuni ta' nies; jenfasizza b'mod partikolari li, bħala l-akbar bir tal-karbonju fid-dinja, l-oċean jassorbi 25 % tal-emissjonijiet tal-karbonju kollha, jaqbad 90 % tas-sħana eċċessiva u jipprovdi aktar minn 50 % tal-ossiġnu tad-dinja, madankollu l-SDG 14 jibqa' l-SDG bl-iżgħar finanzjament;

Or. en

Emenda 407
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis*** tal-baħar***, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar*** u l-komunitajiet kostali ***u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14***;	17. ***Biex jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi*** tal-baħar ***(SDG 14), huwa kruċjali li tingħata prijorità lill-protezzjoni u lill-għajxien tas-sajjieda*** u l-komunitajiet kostali ***li jiddependu minn dawn ir-riżorsi; jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tas-sajd fuq skala żgħira u artiġjanali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-preżervazzjoni tal-wirt kulturali u fl-appoġġ tal-ekonomiji lokali; iħeġġeġ, għal dan il-għan, il-ħolqien ta' inizjattivi li jipprovdu appoġġ ekonomiku, taħriġ u riżorsi għas-sajjieda biex jadattaw għall-bidliet ambjentali u jagħmlu t-tranżizzjoni għal prattiki sostenibbli, filwaqt li jiżguraw li l-mezzi tal-għajxien tagħhom huma protetti fuq terminu twil***;

Or. en

Emenda 408
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut ***u l-qerda*** tal-ħabitats***,*** li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;	17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut***,*** ***il-qerda*** tal-ħabitats ***u l-prattiki industrijali mhux sostenibbli, inkluż t-tkarkir tal-qiegħ, is-sajd tal-frakass tal-fdal tal-ħut industrijali u l-estrazzjoni minn fond il-baħar,*** li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14; ***ifakkar li dan it-theddid jaffettwa b'mod sproporzjonat lis-Stati kostali li qed jiżviluppaw u lill-***

komunitajiet vulnerabbli;

Or. en

Emenda 409
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Emma Fourreau, Catarina Martins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;	17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, ***is-sajd eċċessiv u l-qabdiet aċċessorji,*** it-tnaqqis ***fil-bijodiversità tal-baħar inkluż*** fl-istokkijiet tal-ħut ***fil-mira, l-istorbju taħt l-ilma*** u l-qerda tal-ħabitats, li ***individwalment iżda fuq kollox b'mod kumulattiv*** jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 410
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis ***fl-istokkijiet*** tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;	17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis ***fil-bijodiversità tal-baħar inkluż fil-popolazzjonijiet*** tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats ***ikkawżati minn pressjonijiet mill-bniedem bħall-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi tal-baħar***, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 411
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;	17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti ***tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art intern,*** tat-tniġġis tal-baħar, ***b'mod partikolari r-residwi tal-baħar u t-tniġġis minn nutrijenti***, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 412
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis ***fl-istokkijiet*** tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;	17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis ***tal-bijodiversità tal-baħar, inklużi l-popolazzjonijiet*** tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 413

Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;	17. Jisħaq fuq ix-xejriet allarmanti tat-tniġġis tal-baħar, l-ewtrofikazzjoni kostali, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iż-żieda fit-temperaturi***, is-sajd eċċessiv u l-qabdiet aċċessorji***, it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut u l-qerda tal-ħabitats, li jheddu l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali u jfixklu l-ilħuq tal-miri tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 414
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mtejba fost l-Istati Membri sabiex tintlaħaq il-mira tal-SDG 14 li jiġi miġġieled is-sajd illegali;

Or. en

Emenda 415
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress	18. ***Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14***; jinsab allarmat li l-ebda***

marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;	***mira tal-SDG 14 għall-2020 ma ntlaħqet***; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;

Or. en

Emenda 416
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;	18. ***Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14***; jinsab allarmat li l-ebda mira tal-SDG 14 għall-2020 ma ntlaħqet***; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;

Or. en

Emenda 417
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Emma Fourreau, Catarina Martins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-	18. ***Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14 ***permezz tan-nuqqas ta' miżuri effettivi flimkien ma' pressjonijiet ekonomiċi dejjem jikbru***; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta'

iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;	staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;

Or. en

Emenda 418
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;	18. ***Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin; ***jenfasizza li l-biċċa l-kbira mill-pressjoni tat-tniġġis fuq l-oċeani mhijiex minn attivitajiet fl-oċeani nfushom iżda minn attivitajiet ibbażati fuq l-art; ifakkar li l-ekwità hija parti fundamentali tal-SDG 14, li timplika li kemm il-benefiċċji kif ukoll l-ispejjeż biex jinkisbu oċeani f'saħħithom iridu jiġu kondiviżi b'mod ekwu; jemmen li l-indikaturi tal-SDG 14 iridu jinkludu r-rikonoxximent ta' għarfien indiġenu u tradizzjonali;***

Or. en

Emenda 419
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;	18. ***Jinnota n-nuqqas*** ta' progress reali u, f'xi każijiet, id-deterjorament tal-prospetti biex jintlaħqu l-miri tal-SDG 14; iqis li l-progress marġinali jew moderat u l-livelli għoljin ta' staġnar u rigressjoni jfissru li l-azzjoni globali għadha'l bogħod mill-veloċità u l-iskala meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-SDG14 fil-ħin;

Or. en

Emenda 420
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, sallum, wieħed biss mis-27 Stat Membru tal-UE rratifika dak il-Ftehim Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (BBNJ), magħruf ukoll bħala t-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE jlestu malajr il-proċessi ta' ratifika individwali tagħhom tal-ftehim BBNJ, tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, kif ukoll tal-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd tal-WTO, li jipprojbixxi sussidji għas-sajd ta' ħsara, minħabba li dawn huma passi essenzjali lejn l-ilħuq tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 421
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jafferma mill-ġdid li hemm biss oċean wieħed, fejn azzjoni fuq naħa taffettwa l-oħra, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li nipproteġuh bħala entità unifikata għall-benefiċċju tal-umanità;

Or. en

Emenda 422
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura fir-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u kostali fl-UE, filwaqt li jirrikonoxxi li ħabitats degradati jikkontribwixxu għat-telf tal-bijodiversità, it-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut u vulnerabbiltà akbar għat-tibdil fil-klima; jappella għall-implimentazzjoni effettiva tal-miri ta' restawr, inkluża l-protezzjoni tal-alka tal-qiegħ, tal-artijiet mistagħdra u tal-ħabitats tal-baħar;

Or. en

Emenda 423
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jinnota li huwa essenzjali li tiġi

promossa r-reżiljenza tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, li jiddependu mis-saħħa tal-oċean għall-għajxien tagħhom, u l-potenzjal tal-ekonomija blu f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku għall-ħolqien tal-impjiegi sostenibbli;

Or. en

Emenda 424
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jappella għal approċċ olistiku, li jintegra l-protezzjoni u r-restawr ambjentali, il-prosperità ekonomika u l-kompetittività, u l-ekwità soċjali, u qafas leġiżlattiv k4omprensiv li jservi bħala punt uniku ta' referenza għall-politiki kollha relatati mal-oċean li jindirizza l-mod kif naffettwaw l-oċean, il-mod li bih l-oċean jappoġġja l-għajxien tagħna, kif ukoll l-opportunitajiet li nistgħu nieħdu mill-oċean, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tiegħu f'termini ta' sostenibbiltà, mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih, sors ta' ikel u kompetittività;

Or. en

Emenda 425
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18d. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġi miġġieled it-tniġġis mill-plastik madwar id-dinja, minħabba li joħloq theddida severa għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità u għas-saħħa tal-bniedem, u madwar 12-il miljun tunnellata ta' plastik jidħlu fl-oċean kull sena u l-ammont ta' plastik totali fl-oċean jista' jittriplika sal-2040 mingħajr azzjoni sinifikattiva, skont il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent;

Or. en

Emenda 426
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18e. Jilqa' l-adozzjoni tat-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali tan-NU (il-Ftehim Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali) li għandu l-għan li jiżgura l-konservazzjoni ta' żoni tal-oċean lil hinn minn ġuriżdizzjonijiet nazzjonali billi joħloq qafas għal Żoni Marini Protetti (MPAs) li għandhom jiġu stabbiliti fuq l-ibħra internazzjonali f'konformità mal-mira 30x30 magħmula f'Diċembru 2022 mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tan-NU; jistieden lill-partijiet ikomplu jaħdmu fuq id-Djalogu dwar l-Oċean u t-Tibdil fil-Klima tan-NU u jiżguraw implimentazzjoni malajr tal-Ftehim, inkluż billi jimmobilizzaw fondi mill-Programm Globali għall-Oċean tal-UE;

Or. en

Emenda 427
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti*** miżuri ***globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik***;	19. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kosta waħda jew aktar biex jintroduċu*** miżuri ***għal ġbir armonizzat ta' data, skambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika dwar l-irtirar tal-kosta fl-Unjoni kollha***;

Or. en

Emenda 428
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata ***s-sostenibbiltà*** fit-tul ***tal-oċeani***, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar ***u*** l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata ***s-saħħa*** fit-tul ***tal-oċean***, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli ***u t-tranżizzjoni ġusta għal sajd b'impatt baxx***, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar ***permezz tal-protezzjoni effettiva ta' żoni tal-baħar protetti,*** l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik; ***it-tneħħija gradwali tal-esplorazzjoni u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-sajjieda fuq skala żgħira u l-aċċess għar-riżorsi u s-swieq tas-sajd, filwaqt li jiġi żgurat li n-nisa u l-irġiel fis-sajd artiġjanali***

jipparteċipaw bl-istess mod u b'mod effettiv fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom;

Or. en

Emenda 429
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata ***s-sostenibbiltà*** fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata ***s-saħħa*** fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, ***l-appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta għal sajd b'impatt baxx,*** il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat***, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' sajjieda fuq skala żgħira u l-aċċess tagħhom għar-riżorsi u s-swieq tas-sajd***, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;

Or. en

Emenda 430
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Emma Fourreau, Catarina Martins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata ***s-sostenibbiltà*** fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata ***s-saħħa*** fit-tul tal-oċeani***, ukoll u b'mod speċjali f'kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu***, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd ***u tat-tbaħħir***

tal-isforzi ta’ konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta’ trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, ***it-tisħiħ tat-trasparenza fis-settur tal-ikel mill-baħar,*** it-tisħiħ tal-isforzi ta’ konservazzjoni ***u restawr*** tal-baħar u l-adozzjoni ta’ trattat globali ***vinkolanti*** dwar it-tniġġis mill-plastik;

Or. en

Emenda 431
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b’mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta’ prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta’ konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta’ trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. ***Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu biex iġibu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-ekosistema fil-governanza globali tal-oċeani, filwaqt li jħeġġu lil pajjiżi u negozji oħra biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, u l-oqħla standards soċjali u ambjentali;*** jemmen***, b’mod partikolari,*** li huma meħtieġa b’mod urġenti miżuri ***tal-UE u*** globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta’ prattiki tas-sajd sostenibbli, ***l-appoġġ tas-sajd fuq skala żgħira u l-komunitajiet kostali,*** il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta’ konservazzjoni tal-baħar***, l-espansjoni taż-żoni tal-baħar protetti*** u l-adozzjoni ta’ trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;

Or. en

Emenda 432
András Tivadar Kulja, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik; ***jilqa' l-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (il-Ftehim BBNJ) adottat fid-19 ta' Ġunju 2023, u jappella għall-implimentazzjoni malajr tiegħu;***

Or. en

Emenda 433
Antonella Sberna, Pietro Fiocchi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, ***l-indirizzar tat-theddida maħluqa minn speċijiet aljeni invażivi,*** it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;

Or. en

Emenda 434
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, ***it-tisħiħ tat-trasparenza fis-settur tal-frott tal-baħar,*** it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;

Or. en

Emenda 435
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali ***vinkolanti*** biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat***, it-tisħiħ*** tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar ***u l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik***;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ***u t-tisħiħ*** tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar;

Or. en

Emenda 436
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	iqis li l-espansjoni attwali tal-akkwakultura industrijali ma tistax issir għad-detriment tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u s-sajd fuq skala żgħira;

Or. en

Emenda 437
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni fl-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar; itenni, b'mod partikolari, l-appoġġ tiegħu favur moratorju internazzjonali fuq il-liċenzji għall-isfruttament kummerċjali tal-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar sakemm jasal iż-żmien meta l-effetti tal-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar fuq l-ambjent tal-baħar, il-bijodiversità u l-attivitajiet tal-bniedem fuq il-baħar ikunu ġew studjati u riċerkati biżżejjed u r-riskji kollha possibbli jkunu ġew mifhuma;

Or. en

Emenda 438
Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jissottolinja l-importanza ta' strateġija internazzjonali mġedda għall-gżejjer u ż-żoni kostali, li tiżgura aċċess għall-ilma tax-xorb, trasport intelliġenti, sajd ibbażat fuq ir-regoli, turiżmu sostenibbli, intraprenditorija u aċċess ġust għas-servizzi, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi;

Or. el

Emenda 439
Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-istandards tal-Unjoni internazzjonalment f'Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u fora internazzjonali, filwaqt li tiddefendi b'mod attiv lill-operaturi Ewropej u l-interessi tal-Unjoni, tiżgura kundizzjonijiet ekwi u tipproteġi lill-operaturi tal-Unjoni minn kompetizzjoni mhux ġusta;

Or. en

Emenda 440
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jinsab allarmat mil-livelli estremi ta' tniġġis tal-baħar li huma mistennija jirduppjaw jew jittriplikaw sal-2040 sakemm ma tittieħidx azzjoni drastika u immedjata fuq livell globali; jappella għal miżuri aktar b'saħħithom u implimentazzjoni mħaffa bħala kwistjoni ta' urġenza biex jitwaqqaf it-tniġġis tal-baħar kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak internazzjonali;

Or. en

Emenda 441
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jinsab allarmat mil-livelli estremi ta' tniġġis tal-baħar li huma mistennija jirduppjaw jew jittriplikaw sal-2040 sakemm ma tittieħidx azzjoni drastika u immedjata fuq livell globali; jappella għal miżuri aktar b'saħħithom u implimentazzjoni mħaffa bħala kwistjoni ta' urġenza biex jitwaqqaf it-tniġġis tal-baħar kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak internazzjonali;

Or. en

Emenda 442
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jesprimi dispjaċir għall-

implimentazzjoni limitata, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak globali, ta' projbizzjoni effettiva tas-sussidji pubbliċi għal prattiki tas-sajd distruttivi u sussidji pubbliċi li jħeġġu l-kapaċità żejda u s-sajd eċċessiv, inklużi s-sussidji għall-fjuwils fossili, bil-għan li jintlaħqu l-miri tal-SDG 14.4 u 14.6;

Or. en

Emenda 443
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li l-Patt għall-Oċeani, li se jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2025, għandu jiġi rikonoxxut mhux biss mill-UE iżda minn pajjiżi oħra wkoll; inizjattivi bħal dawn għandhom ġeneralment joħolqu rabta bejn il-pajjiżi biex ir-riżultati juru effetti aħjar;

Or. en

Emenda 444
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati alternattivi sostenibbli u jiġu sfruttati teknoloġiji moderni, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, biex jiġi mmonitorjat it-tniġġis;

Or. en

Emenda 445
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jissottolinja li l-plastik huwa l-akbar parti mill-iskart tal-baħar, l-aktar ta' ħsara u l-aktar persistenti; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' konklużjoni dwar l-ewwel strument legalment vinkolanti globali dwar it-tniġġis mill-plastik; iħeġġeġ l-adozzjoni ta' trattat globali ambizzjuż dwar it-tniġġis mill-plastik fil-laqgħa ta' meta jerġgħu jitkomplew in-negozjanti intergovernattivi fl-2025; jinsisti li l-ftehim finali għandu jkun fih mira ta' tnaqqis tal-produzzjoni tal-polimeri primarji tal-plastik;

Or. en

Emenda 446
Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi rratifikat il-"Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali" (il-Ftehim BBNJ), filwaqt li jiġi żgurat li dan il-Ftehim ma jdgħajjifx l-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, u tal-isforzi kontinwi biex jintlaħaq ftehim dwar sussidji għas-sajd ta' ħsara fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

Or. en

Emenda 447
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jissottolinja li l-plastik huwa l-aktar tip dannuż ta' tniġġis tal-oċean; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' konklużjoni dwar l-ewwel strument legalment vinkolanti globali dwar it-tniġġis mill-plastik; iħeġġeġ l-adozzjoni ta' trattat globali ambizzjuż dwar it-tniġġis mill-plastik fil-laqgħa ta' meta jerġgħu jitkomplew in-negozjanti intergovernattivi fl-2025; jemmen li l-ftehim finali għandu jkun fih mira ta' tnaqqis tal-produzzjoni tal-polimeri primarji tal-plastik;

Or. en

Emenda 448
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Iħeġġeġ il-promozzjoni tar-riċerka xjentifika u t-tixrid ta' data preċiża, flimkien mal-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika; jappella għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' ġestjoni bbażati fuq iż-żona flimkien ma' miżuri ta' konservazzjoni xierqa oħra, li jiżguraw li azzjonijiet bħal dawn ma jirriżultawx f'impatti negattivi fuq żoni kontigwi jew alternattivi;

Or. en

Emenda 449
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Unjoni Ewropea għadha lura fl-iskeda fir-rigward tal-objettivi tagħha li tipproteġi 30 % taż-żoni tal-baħar tagħha sal-2030, li 10 % minnhom għandhom jiġu protetti b'mod strett skont id-definizzjonijiet internazzjonali, miżuri meħtieġa għal konformità sħiħa mal-miri tal-SDG 14;

Or. en

Emenda 450
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jisħaq li l-oċean jikkostitwixxi l-akbar alleat tad-dinja kontra t-tibdil fil-klima minħabba li jiġġenera 50 % tal-ossiġnu li teħtieġ id-dinja, jassorbi 25 % tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u jaqbad 90 % tas-sħana eċċessiva ġġenerata minn dawn l-emissjonijiet; jinnota, madankollu, li s-sħana tal-oċean hija f'livelli rekord u li l-kapaċità ta' assorbiment qed issir limitata li jwassal għall-aċidifikazzjoni tal-oċean; jappella għal azzjoni globali msaħħa biex jiġu indirizzati l-aċidifikazzjoni tal-oċean u l-livelli tas-sħana tal-oċean sabiex jiġi ssalvagwardjat ir-rwol tal-oċean bħala l-aktar bir tal-karbonju importanti fil-pjaneta u jiġu protetti l-ħajja tal-baħar u

x-xibka alimentari;

Or. en

Emenda 451
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jisħaq li l-oċean jikkostitwixxi l-akbar alleat tad-dinja kontra t-tibdil fil-klima minħabba li jiġġenera 50 % tal-ossiġnu li teħtieġ id-dinja, jassorbi 25 % tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u jaqbad 90 % tas-sħana eċċessiva ġġenerata minn dawn l-emissjonijiet; jinnota, madankollu, li s-sħana tal-oċean hija f'livelli rekord u li l-kapaċità ta' assorbiment qed issir limitata li jwassal għall-aċidifikazzjoni tal-oċean; jappella għal azzjoni globali msaħħa biex jiġu indirizzati l-aċidifikazzjoni tal-oċean u l-livelli tas-sħana tal-oċean sabiex jiġi ssalvagwardjat ir-rwol tal-oċean bħala l-aktar bir tal-karbonju importanti fil-pjaneta u jiġu protetti l-ħajja tal-baħar u x-xibka alimentari;

Or. en

Emenda 452
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jenfasizza l-ħtieġa li l-politika tal-ġestjoni tal-oċean tiġi integrata mal-għarfien tradizzjonali, ix-xjenza u l-involviment tal-komunità;

Or. en

Emenda 453
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jenfasizza l-impenn fl-ambitu tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità (GBF) ta' Kunming-Montreal għall-istabbiliment ta' żoni protetti li jkopru mill-anqas 30 % tal-oċeani sal-2030; iqis li t-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali (BBNJ) jista' jwassal għal tibdil sinifikanti fl-ilħuq ta' dan l-għan; jesprimi dispjaċir għall-fatt li s'issa 20 pajjiż biss irratifikaw il-BBNJ u jistieden lill-partijiet li jifdal, inklużi l-Istati Membri li għadhom ma għamlux hekk, biex jirratifikaw il-BBNJ mingħajr dewmien biex jippermettu l-implimentazzjoni tiegħu; iqis, barra minn hekk, li huma meħtieġa sforzi akbar għal espansjoni ulterjuri ta' żoni tal-baħar u kostali protetti biex tintlaħaq il-mira ta' 30 % u jiġu ffaċilitati l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-baħar, tal-habitats, tal-ekosistemi u tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 454
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jenfasizza l-impenn fl-ambitu tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità (GBF) ta' Kunming-Montreal għall-istabbiliment ta' żoni protetti li jkopru mill-anqas 30 % tal-

oċeani sal-2030; iqis li t-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali (BBNJ) jista' jwassal għal tibdil sinifikanti fl-ilħuq ta' dan l-għan; jesprimi dispjaċir għall-fatt li s'issa 20 pajjiż biss irratifikaw il-BBNJ u jistieden lill-partijiet li jifdal, inklużi l-Istati Membri li għadhom ma għamlux hekk, biex jirratifikaw il-BBNJ mingħajr dewmien biex jippermettu l-implimentazzjoni tiegħu; iqis, barra minn hekk, li huma meħtieġa sforzi akbar għal espansjoni ulterjuri ta' żoni tal-baħar u kostali protetti biex tintlaħaq il-mira ta' 30 % u jiġu ffaċilitati l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-baħar, tal-ħabitats, tal-ekosistemi u tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 455
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jirrikonoxxi li prattiki tas-sajd sostenibbli li jinvolvu l-parteċipazzjoni tal-komunità huma strumentali għat-tnaqqis tas-sajd eċċessiv u għall-iżgurar tal-vijabbiltà fit-tul tar-riżorsi tal-baħar; ifakkar li, minkejja l-kontributi fundamentali tagħhom għan-nutrizzjoni, għas-sigurtà tal-ikel u għall-għajxien lokali, ħafna komunitajiet tas-sajd fuq skala żgħira jkomplu jiffaċċjaw marġinalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 456
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19e. Jenfasizza li t-tnaqqis kontinwu fil-popolazzjonijiet tal-ħut sostenibbli jissottolinja l-ħtieġa ta' oqfsa regolatorji msaħħa, li jsegwu approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, sistemi ta' monitoraġġ effiċjenti u trasparenza biex jiġu promossi prattiki tas-sajd sostenibbli u jiġu miġġielda s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat; jilqa' l-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd tal-WTO bħala pass ewlieni 'l quddiem lejn it-twaqqif ta' sussidji ta' ħsara li jikkontribwixxu għas-sajd eċċessiv għalkemm jeħtieġ li jsiru aktar sforzi; jistieden lill-membri tal-WTO li għadhom ma għamlux hekk, biex jiddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom biex jippermettu li l-ftehim isir operazzjonali;

Or. en

Emenda 457
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19e. Jenfasizza li t-tnaqqis kontinwu fil-popolazzjonijiet tal-ħut sostenibbli jissottolinja l-ħtieġa ta' oqfsa regolatorji msaħħa, li jsegwu approċċ ibbażat fuq l-ekosistema flimkien ma' sistemi ta' monitoraġġ effiċjenti u trasparenti biex jiġu promossi prattiki tas-sajd sostenibbli u jiġu miġġielda s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;

Or. en

Emenda 458
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19f. Jilqa' l-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd tal-WTO bħala pass ewlieni 'l quddiem lejn it-twaqqif ta' sussidji ta' ħsara li jikkontribwixxu għas-sajd eċċessiv; jistieden lill-membri tal-WTO li għadhom ma għamlux hekk, biex jiddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom biex jippermettu li l-ftehim isir operazzjonali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jeliminaw gradwalment is-sussidji ta' ħsara għall-ambjent f'attivitajiet ekonomiċi marittimi, inklużi s-sussidji għas-sajd ta' ħsara;

Or. en

Emenda 459
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19f. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jeliminaw gradwalment is-sussidji ta' ħsara għall-ambjent f'attivitajiet ekonomiċi marittimi, inklużi s-sussidji għas-sajd ta' ħsara, f'konformità mal-impenji tal-WTO u l-SDG 14;

Or. en

Emenda 460
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19g. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjoni msaħħa biex jitnaqqas it-tniġġis minn nutrijenti; jinnota li 37 % biss mill-ilmijiet tal-wiċċ tal-Ewropa huma fi stat ekoloġiku b'saħħtu u li t-tniġġis minn nutrijenti qed jiswa aktar minn EUR 75 biljun fis-sena; jappella għall-implimentazzjoni aċċellerata tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina;

Or. en

Emenda 461
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19g. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjoni msaħħa biex jitnaqqas it-tniġġis minn nutrijenti; jinnota li 37 % biss mill-ilmijiet tal-wiċċ tal-Ewropa huma fi stat ekoloġiku b'saħħtu u li t-tniġġis minn nutrijenti qed jiswa aktar minn EUR 75 biljun fis-sena; jappella għall-implimentazzjoni aċċellerata tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina;

Or. en

Emenda 462
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19h. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi avvanzat il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tal-UE li jinkludi miri sinifikanti għat-titjib tal-kwalità tal-ilma, it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti; jilqa' r-rapport ta' Monitoraġġ u Prospettiva ta' Tniġġis Żero tal-2025, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-progress fil-miri tat-tniġġis żero; jinnota, madankollu, li tnejn minnhom biss qegħdin fit-triq it-tajba; jisħaq li l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ambjentali huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri ta' tniġġis żero tal-2030 u li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi miri vinkolanti tal-UE għall-2030 biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti tal-materjali u tal-konsum tal-UE u biex dawn jiġu fil-limiti tal-pjaneta sal-2050;

Or. en

Emenda 463
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19h. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-SDG 14 jibqa' fost l-SDGs bl-iżgħar finanzjament; jinnota li d-distakk fil-finanzjament huwa stmat li jilħaq madwar USD 150 biljun fis-sena; jissottolinja li l-Konferenza dwar l-Oċean tan-NU tal-2025 għandha tipprovdi impetu ġdid għall-eliminazzjoni tad-distakk fil-finanzjament eżistenti u toħloq ambjent stabbli u abilitanti għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament akbar għall-ilħuq tal-miri tal-SDG 14; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu rwoli ta'

mexxejja f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 464
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19i. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-SDG 14 jibqa' fost l-SDGs bl-iżgħar finanzjament; jinnota li d-distakk fil-finanzjament huwa stmat li jilħaq madwar USD 150 biljun fis-sena; jissottolinja li l-Konferenza dwar l-Oċean tan-NU tal-2025 għandha tipprovdi impetu ġdid għall-eliminazzjoni tad-distakk fil-finanzjament eżistenti u toħloq ambjent stabbli u abilitanti għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament akbar għall-ilħuq tal-miri tal-SDG 14; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu rwoli ta' mexxejja f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 465
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19i. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom biex jipproteġu u jirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar; jistieden lill-Kummissjoni toħloq Fond għall-Oċean iddedikat għall-protezzjoni tal-oċean u t-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija blu b'impatt baxx li tkun ta'

benefiċċju għall-komunitajiet kostali u s-soċjetà b'mod ġenerali;

Or. en

Emenda 466
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19j. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq Fond għall-Oċean iddedikat għall-protezzjoni tal-oċean u t-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija blu b'impatt baxx li tkun ta' benefiċċju għall-komunitajiet kostali u s-soċjetà b'mod ġenerali; jistieden, barra minn hekk, lill-UE tafferma mill-ġdid u żżid l-appoġġ tagħha għax-Xjenza dwar l-Oċeani;

Or. en

Emenda 467
Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19j. Jistieden lill-UE tafferma mill-ġdid u żżid l-appoġġ tagħha għax-Xjenza dwar l-Oċeani fid-dawl tas-sensji reċenti tan-National Oceanic and Atmospheric Administration (NOAA) tal-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 468
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp hija obbligu fl-ambitu tal-Artikolu 208 tat-TFUE;

Or. en

Emenda 469
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni*** globali ***tal-UE***;	20. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-NGOs involuti għandhom aġenda ideoloġika ċara u oriġini ta' finanzjament dubjuż; iwissi li hemm riskju li l-intrapriżi multinazzjonali u l-NGOs ikollhom aktar influwenza fit-tfassil ta' politiki milli l-votanti; jemmen li hemm riskju li l-governanza*** globali ***tibbenefika biss interessi privati u mhux il-ġid komuni***;

Or. en

Emenda 470
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-UE ***tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda***	20. Jistieden lill-UE ***timmobilizza atturi internazzjonali oħra biex iżidu l-isforzi tal-iżvilupp sostenibbli tagħhom***;

2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;

Or. pl

Emenda 471
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi ***l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030***; ***jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni*** globali ***tal-UE***;	20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi ***l-ftehimiet bilaterali ġusti li jqisu l-interessi tal-pajjiżi donaturi aktar minn qabel***; ***ma jilqax l-impenn volontarju tal-UE għal miri*** globali ***astratti***;

Or. de

Emenda 472
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;	20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE; ***jisħaq li l-impenn tal-UE għall-SDGs irid jiġi appoġġjat minn impenji finanzjarji ambizzjużi fil-***

QFP 2028-2034 li jmiss;

Or. en

Emenda 473
Laurent Castillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-UE tkompli ***tippromwovi l-multilateraliżmu*** u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;	20. Jistieden lill-UE tkompli ***taħdem favur il-multilateraliżmu*** u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030 ***mingħajr inġenwità u mingħajr ma tikkompromett is-sovranità tal-Istati Membri u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni***; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;

Or. fr

Emenda 474
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;	20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li***, f'dan ix-xenarju ġeopolitku diffiċli u inċert ġdid,*** impenn mill-ġdid b'mod ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;

Or. en

Emenda 475
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;	***imħassar***

Or. en

Emenda 476
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; ***jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha*** tal-UE ***u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA***;	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; ***jirrakkomanda li l-Istati Membri*** tal-UE ***jallokaw ammont xieraq għal din, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom u l-għażla demokratika taċ-ċittadini tagħhom***;

Or. de

Emenda 477
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden***, għalhekk,*** lill-Istati Membri kollha ***tal-UE u lis-sħab globali*** jiżguraw li ***jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA***;	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw li ***jintuża sehem mill-għajnuna għall-iżvilupp pubblika, iddeterminat mill-Istati Membri stess***;

Or. en

Emenda 478
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti ***għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA***;	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti ***u li jiggarantixxu li l-programmi li jinvolvu ruħhom fihom iservu wkoll l-interessi Ewropej***;

Or. fr

Emenda 479
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku;	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku ***u tibqa'***

jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;

għodda vitali għat-tnaqqis tal-faqar, għall-indirizzar tal-inugwaljanzi u għall-appoġġ tal-aktar komunitajiet vulnerabbli, b'mod partikolari f'pajjiżi fraġli u LDCs; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;

Or. en

Emenda 480
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku***; jinnota bi tħassib li hemm distakk fl-investiment ta' USD 4 triljun biex jintlaħqu l-SDGs***; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;

Or. en

Emenda 481
Abir Al-Sahlani, Charles Goerens, Barry Andrews

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors

kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;	kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA***, u 0,20 % bħala ODA għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati***;
	Or. en

Emenda 482
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Ifakkar li l-kredibbiltà internazzjonali tal-UE tiddependi mill-kapaċità tagħha li tonora l-impenji tagħha li tiffinanzja l-kooperazzjoni internazzjonali, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-Ftehim ta' Pariġi, u li ssegwi s-sħubiji internazzjonali bejn sħab ugwali; għal dan il-għan, se jkun essenzjali li l-QFP li jmiss ikun ibbażat fuq ir-rispett għall-integrità tal-ODA u fuq l-allinjament tal-politiki esterni mal-valuri fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, kif ukoll l-iżgurar tal-konsistenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli;
	Or. en

Emenda 483
Ingeborg Ter Laak, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ ir-rwol tagħha fil-promozzjoni ta' impenji finanzjarji aktar sodi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari biex tappoġġja l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fl-aktar reġjuni vulnerabbli, inklużi l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) u l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs); jitlob li l-UE tiżgura li l-miri tal-finanzjament għall-klima jintlaħqu u jingħataw prijorità f'negozjati multilaterali u sħubiji globali;

Or. en

Emenda 484
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom li ma jnaqqsux l-isforzi u jieħdu rwol ta' tmexxija biex javvanzaw l-Aġenda tal-2030 u jilħqu l-SDGs; jesprimi dispjaċir għat-tnaqqis fl-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) minn diversi Stati Membri tal-UE, minħabba li jdgħajjef l-isforzi globali biex jintlaħqu l-SDGs u jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-UE bħala mexxejja globali fl-għajnuna barranija;

Or. en

Emenda 485
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappreżentanza ta' pajjiżi min-Nofsinhar Globali fil-governanza globali u li titrawwem arkitettura finanzjarja internazzjonali aktar inklużiva billi jissaħħu l-vuċi, l-influwenza u r-rwol tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw f'dawn l-istrutturi;

Or. en

Emenda 486
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jinsisti fuq l-importanza kbira ħafna tan-NU flimkien mal-aġenziji kollha tagħhom fil-qalba tas-sistema multilaterali għall-ħolqien ta' sistema globali paċifika, ġusta, ugwali, inklużiva u bbażata fuq ir-regoli li taħdem għal kulħadd, filwaqt li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;

Or. en

Emenda 487
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-UE, bħala l-fornitur

ewlieni fid-dinja ta' ODA, jeħtiġilha tibqa' sieħeb affidabbli u punt ta' referenza għal għajnuna effettiva u ta' impatt, imfassla għall-isfidi kontemporanji;

Or. en

Emenda 488
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jiċħad l-idea li l-mudell donatur-riċevitur tradizzjonali ma għadux applikabbli u li l-ODA ma għadhiex rilevanti; jissottolinja li, minkejja mekkaniżmi u sħubiji ta' finanzjament dejjem jevolvu, l-ODA tibqa' għodda vitali għat-tnaqqis tal-faqar, għall-indirizzar tal-inugwaljanzi u għall-appoġġ tal-aktar komunitajiet vulnerabbli, b'mod partikolari f'pajjiżi fraġli u LDCs; jisħaq li l-UE jeħtiġilha żżomm l-impenn tagħha għall-ODA bħala pilastru ewlieni tal-politika dwar l-iżvilupp tagħha;

Or. en

Emenda 489
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jenfasizza li proporzjon sinifikanti ta' pajjiżi b'introjtu baxx jew qed jesperjenzaw jew huma f'riskju ta' problemi ta' dejn, u dan jirrikjedi

attenzjoni ddedikata u appoġġ personalizzat; jinnota bi tħassib li proporzjon sinifikanti ta' pajjiżi b'introjtu baxx ikollhom jagħtu prijorità lill-ħlas lura tad-dejn a skapitu tal-investiment fl-iżvilupp tal-bniedem tal-popolazzjoni tagħhom, u dan huwa marbut b'mod inerenti u għandu impatti negattivi fuq l-ilħuq tal-miri tal-SDGs tagħhom;

Or. en

Emenda 490
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jisħaq li l-ODA tal-UE ma għandhiex tiddevja mill-objettiv primarju tagħha, kif iddefinit mill-OECD, u jfakkar li din għandha tagħti prijorità lill-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab, billi tibda mill-Pajjiżi b'Introjtu Baxx, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Pajjiżi affettwati minn fraġilità, kunflitt u kriżi;

Or. en

Emenda 491
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għal riformi b'ħeffa u effettivi tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tal-istituzzjonijiet internazzjonali biex jagħmluhom mgħammra aħjar biex jindirizzaw l-isfidi moderni;

Or. en

Emenda 492
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jinsisti li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE trid tkun ibbażata fuq il-prinċipji enfasizzati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri t-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar bħala objettiv primarju;

Or. en

Emenda 493
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Iqis il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u triangolari bħala kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-2030, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' prattiki ta' suċċess u esperjenzi;

Or. en

Emenda 494
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi riežaminata u riformata l-governanza globali tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp, b'mod partikolari wara s-sospensjoni tal-USAID u t-tnaqqis fl-għajnuna globali minn pajjiżi bħar-Renju Unit, in-Netherlands u l-Belġju; jisħaq li r-riformi fis-sistema finanzjarja internazzjonali jridu jkunu mmexxija minn impenn imġedded għall-multilateraliżmu u mfassla biex jindirizzaw l-isfidi ta' dinja li hija dejjem aktar suxxettibbli għall-kriżijiet;

Or. en

Emenda 495
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jappoġġja l-assistenza lil pajjiżi fin-Nofsinhar Globali għall-bini tal-kapaċitajiet, id-diġitalizzazzjoni u t-tisħiħ tas-sistemi fiskali tagħhom;

Or. en

Emenda 496
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jinsisti li, f'kuntest ta' instabbiltà globali għolja u l-impatt sever tagħha fuq

stati fraġli, l-UE jeħtiġilha ssegwi approċċ imsaħħaħ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp li jirrifletti aħjar il-kuntest ġeopolitiku ġdid u jkompli jkun involut b'mod kostruttiv ma' pajjiżi terzi billi jappoġġja l-paċi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp tal-bniedem u d-dimensjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli fuq livell globali f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-UE, b'mod partikolari biex jintlaħqu l-SDGs sal-2030 kif ukoll il-Prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp;

Or. en

Emenda 497
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21f. Jenfasizza r-rwol vitali tas-soċjetà ċivili u l-NGOs fit-tiswir tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja tal-UE; jisħaq li l-OSĊ u l-NGOs jeħtiġilhom ikomplu jsemmu temi importanti bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-programmi tagħhom;

Or. en

Emenda 498
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet***	22. ***Huwa kritiku ħafna tar-rwol tal-hekk imsejħa organizzazzjonijiet nongovernattivi, peress li dawn qegħdin***

lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	***jimminaw dejjem aktar il-proċessi demokratiċi***;

Or. de

Emenda 499
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ; ***jappella biex il-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali u s-sħubijiet strateġiċi jinkludu b'mod sistematiku parti dwar l-integrazzjoni vokazzjonali tan-nisa, b'mod partikolari fis-setturi tal-futur bħat-teknoloġija ekoloġika, sabiex tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fit-tranżizzjoni ekonomika dinjija;***

Or. fr

Emenda 500
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u ***l-involviment*** tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati ***u tal-implimentazzjoni mmexxija mill-komunità permezz tal-involviment*** tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili***, tal-organizzazzjonijiet taċ-ċittadini*** u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ ***u tan-nisa***;

jirrikonoxxi r-rwoli vitali u multidimensjonali li l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) għandhom fl-avvanz tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, fil-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u fl-ilħuq tan-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u marġinalizzati;

Or. en

Emenda 501
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ; ***jappella għal parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili u spazju ċiviku usa' biex jiġi żgurat li l-fondi pubbliċi ma jintużawx għal apparati tal-istat repressivi u networks ta' patroċinju; jafferma mill-ġdid li l-finanzjament għandu jiffoka fuq appoġġ dirett għal azzjoni fil-livell ta' komunità minn gruppi tas-soċjetà ċivili;***

Or. en

Emenda 502
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati

u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;

u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ; ***jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-SDGs tirrikjedi strateġiji mmexxija lokalment, speċifiċi għall-kuntest li jagħtu setgħa lill-atturi lokali u jiżguraw parteċipazzjoni fuq bażi mifruxa inklużiva fil-livelli kollha tas-soċjetà;***

Or. en

Emenda 503
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ; ***jappella, għalhekk, għal kooperazzjoni msaħħa, mobilizzazzjoni tar-riżorsi u parteċipazzjoni b'bosta partijiet ikkonċernati bħala prijoritajiet għall-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs;***

Or. en

Emenda 504
Abir Al-Sahlani, Charles Goerens, Barry Andrews

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment ***sinifikattiv*** tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili***, inklużi***

żgħażagħ;	***organizzazzjonijiet tan-nisa*** u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 505
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili ***u*** tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili***,*** tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ ***u tal-istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni***;

Or. en

Emenda 506
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ ***għall-ilħuq tal-miri tal-SDG***;

Or. en

Emenda 507
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ ***kif ukoll il-bdiewa***;

Or. en

Emenda 508
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jisħaq li l-aċċess għal finanzjament strutturali huwa prerekwiżit għall-iżgurar tal-parteċipazzjoni demokratika tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fil-linji gwida politiċi tagħha li żżid l-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom għarfien espert u rwol importanti x'jaqdu fil-kontribut biex isir avvanz fl-SDGs; iqis, għalhekk, li l-indipendenza tal-OSĊ għandha tiġi ssalvagwardjata u li l-attivitajiet ta' promozzjoni għandhom jibqgħu eliġibbli fil-programmi ta' finanzjament tal-UE rilevanti, bħal LIFE;

Or. en

Emenda 509
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-programmi ta' finanzjament Ewropew li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku ma jqisux biżżejjed il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, u b'mod partikolari tal-ommijiet, fl-aċċess għall-impjiegi;

Or. fr

Emenda 510
András Tivadar Kulja, Ingeborg Ter Laak, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jappella għall-involviment aktar profond ta' komunitajiet vulnerabbli fit-tfassil u l-monitoraġġ ta' politiki relatati mal-SDGs; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi l-ekwità soċjali u l-parteċipazzjoni ċivika permezz ta' oqfsa ta' governanza inklużivi;

Or. en

Emenda 511
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jappella għall-involviment aktar b'saħħtu ta' partijiet ikkonċernati rilevanti fl-implimentazzjoni tal-għanijiet;

Or. en

Emenda 512
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jenfasizza l-imperattiv li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali fi sħubiji globali permezz tar-rikonoxximent legali, il-finanzjament dirett u aċċessibbli, ir-rappreżentazzjoni sinifikattiva fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u r-rikonoxximent u l-protezzjoni tal-għarfien tradizzjonali u d-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari relatati mad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art u l-konformità sħiħa mal-prinċipju ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni, il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 169 u l-Linji Gwida Volontarji dwar il-Pussess tal-Art tal-FAO;

Or. en

Emenda 513
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-istandards tal-Unjoni internazzjonalment f'Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u fora internazzjonali, filwaqt li tiddefendi b'mod attiv lill-operaturi Ewropej u l-interessi tal-Unjoni, tiżgura kundizzjonijiet ekwi u tipproteġi lill-

operaturi tal-Unjoni minn kompetizzjoni mhux ġusta;

Or. en

Emenda 514
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi kkundizzjonat il-finanzjament tal-UE fil-proġetti internazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għal opportunitajiet ekonomiċi;

Or. fr

Emenda 515
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali taż-żgħażagħ bħala sħab ewlenin fl-implimentazzjoni tal-SDGs; jappella għall-istituzzjonalizzazzjoni tat-tmexxija konġunta miż-żgħażagħ fil-livelli tal-UE u globali; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament iddedikat u setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal inizjattivi mmexxija miż-żgħażagħ, b'mod partikolari fin-Nofsinhar Globali u f'reġjuni affettwati mill-klima, filwaqt li jiġi żgurat li ż-żgħażagħ jimxu lil hinn mill-konsultazzjoni għal tmexxija attiva fit-tiswir ta' politiki u soluzzjonijiet;

Or. en

Emenda 516
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Ifakkar li n-nisa fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer tal-UE jiltaqgħu ma' diffikultajiet akbar biex jaċċessaw it-taħriġ vokazzjonali u miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi; jappella biex il-fondi ta' koeżjoni u l-programmi ta' żvilupp jinkludu miżuri speċifiċi msaħħa biex jirrimedjaw dawn l-inugwaljanzi territorjali;

Or. fr

Emenda 517
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22d. Jirrikonoxxi li l-arkitettura finanzjarja eżistenti la toffri għodod effettivi biex jiġu pprevenuti l-kriżijiet tad-dejn u lanqas ma tipprovdi għażliet għal finanzjament responsabbli u ġestjoni tad-dejn; jirrakkomanda rieżami komprensiv tal-approċċ għas-sostenibbiltà tad-dejn, li ma għandux jiffoka biss fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, iżda jrid iqis l-impatt tal-piż tad-dejn fuq il-kapaċità tal-pajjiż li jilħaq l-SDGs u jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem kollha; huwa tal-fehma li r-Raba' Konferenza dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp

(FfD4) f'Sevilla tirrappreżenta opportunità storika biex issir riforma fl-arkitettura tad-dejn globali u jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' soluzzjoni tad-dejn multilaterali ġust u effiċjenti;

Or. en

Emenda 518
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22d. Iheġġeġ l-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ u taħriġ għan-nisa fis-setturi b'valur miżjud, b'mod partikolari fis-sħubijiet mal-intrapriżi privati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex titnaqqas id-diskrepanza fir-rappreżentazzjoni tan-nisa fi rwoli strateġiċi u pożizzjonijiet ta' tmexxija;

Or. fr

Emenda 519
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22e. Ifakkar li 30 % biss tal-intraprendituri fl-Unjoni Ewropea huma nisa u li l-aċċess tagħhom għall-finanzjament għadu limitat meta mqabbel mal-intraprendituri rġiel, għalhekk l-intraprenditorjat jista' jirrappreżenta opportunità biex in-nisa jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja; jappella għall-ħolqien ta' fond Ewropew speċifiku għall-intraprendituri nisa, li

	jiggarantixxi kundizzjonijiet ta' finanzjament adattati u appoġġ dedikat;

Or. fr

Emenda 520
Laurent Castillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 521
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappella ***għas-serħan mid-dejn u*** għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs***;	23. Jappella għar-ristrutturar tad-dejn ***u għal sistema ta' swaps ta' kreditu u dejn*** għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw***, filwaqt li jħeġġeġ lil dawn il-pajjiżi jadottaw mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi li jikkonvertu r-ripagamenti tad-dejn f'investimenti fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fl-infrastruttura pubblika***;

Or. en

Emenda 522

Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs***;	23. ***Jenfasizza r-rwol tal-ġestjoni finanzjarja responsabbli għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli; ma jilqax, f'dan is-sens, kwalunkwe sforz biex il-kontribwenti Ewropej jinżammu responsabbli għan-nuqqas ta' dixxiplina baġitarja tal-pajjiżi terzi***;

Or. de

Emenda 523
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jappella għas-serħan*** mid-dejn u ***għar-ristrutturar*** tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***u għal*** riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs;	23. ***Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw is-serħan*** mid-dejn u ***r-ristrutturar*** tad-dejn ***globali*** għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw***, filwaqt li jqisu wkoll is-sospensjoni urġenti tad-dejn u miżuri ta' kanċellazzjoni għan-nazzjonijiet affettwat l-aktar mit-tibdil fil-klima, b'mod partikolari dawk fin-Nofsinhar Globali; jikkonstata, b'mod partikolari, li s-serħan mid-dejn irid jiġi akkumpanjat minn prinċipji maqbula internazzjonalment dwar l-għoti u t-teħid b'self responsabbli li jmorru lil hinn minn approċċi volontarji; jemmen, għalhekk, li l-prinċipji tal-UNCTAD dwar il-promozzjoni tal-għoti u t-teħid b'self responsabbli għandhom isiru regoli legalment vinkolanti u strumenti infurzabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa ta'*** riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali,

biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs; ***ifakkar bl-istess mod li r-regolamentazzjoni tas-sistema finanzjarja hija essenzjali biex isir avvanz lejn il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ġusta ta' kriżijiet tad-dejn;***

Or. en

Emenda 524
Ingeborg Ter Laak, András Tivadar Kulja, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs;	23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs; ***jappella wkoll għal valutazzjoni mill-ġdid u modernizzazzjoni tal-klassifikazzjoni eżistenti ta' pajjiżi "żviluppati" u "li qed jiżviluppaw" fil-kuntest ta' politika dwar it-tibdil fil-klima u tal-iżvilupp internazzjonali, minħabba li ma kien intlaħaq l-ebda ftehim biex jiġu riveduti dawn il-kategoriji skaduti matul il-COP29 minkejja appelli dejjem akbar biex jiġu riflessi realtajiet ekonomiċi u tal-emissjonijiet attwali;***

Or. en

Emenda 525
Rosa Estaràs Ferragut, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***u*** għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inkluži l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex ***isiru adatti*** għall-implimentazzjoni tal-SDGs;	23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw***, kif ukoll*** għal riformi ***komprensivi*** tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inkluži l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex ***jissaħħu l-effettività, l-ekwità u r-responsabbiltà tagħhom fl-appoġġ*** għall-implimentazzjoni tal-SDGs;
	Or. en

Emenda 526
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappella ***għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u*** għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inkluži l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs;	23. Jappella għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inkluži l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs;
	Or. en

Emenda 527
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jappella għal multilateraliżmu mġedded li jpoġġi l-azzjoni dwar il-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità fiċ-ċentru tal-prijoritajiet globali, filwaqt li jsaħħaħ it-trattati u l-ftehimiet internazzjonali bħall-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u inizjattivi ta' konservazzjoni reġjonali; iħeġġeġ

ukoll l-espansjoni tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) biex jinkludi l-ekoċidju bħala reat li jista' jitressaq quddiem il-qorti, filwaqt li jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għall-qerda ambjentali fuq skala globali;

Or. en

Emenda 528
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jissottolinja l-importanza ta' enerġija nadifa għall-iżvilupp sostenibbli tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati; jappella għal politiki pubbliċi robusti u sforzi internazzjonali biex jiġu estiżi b'mod sinifikanti l-flussi finanzjarji pubbliċi internazzjonali li jappoġġjaw l-enerġija nadifa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Or. en

Emenda 529
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global	***imħassar***

Gateway;

Or. de

Emenda 530
Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali***, inklużi l-programmi Global Gateway,*** jiġi allinjat ***mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi***; jappella biex il-Parlament ***ikun*** aktar ***involut fl-iskrutinju*** tal-programmi Global Gateway;	24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi allinjat l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali; jappella biex il-Parlament ***ikollu rwol*** aktar ***attiv biex jiggarantixxi l-effettività u l-importanza tal-implimentazzjoni*** tal-programmi Global Gateway***, allinjat bis-sħiħ mal-SDGs***;

Or. en

Emenda 531
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs ***u mal-Ftehim ta' Pariġi***; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;	24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;

Or. en

Emenda 532
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;	24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi***, soġġett għall-konformità mal-kriterju fundamentali tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel***; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;

Or. fr

Emenda 533
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;	24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi ***u mal-indikaturi tal-iżvilupp tal-bniedem***; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;

Or. en

Emenda 534
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat ***mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi***; jappella biex ***il-Parlament ikun*** aktar ***involut*** fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;	24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat; jappella biex ***il-Parlamenti nazzjonali u Ewropej ikunu*** aktar ***involuti*** fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;

Or. en

Emenda 535
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-inizjattiva Global Gateway tista' twassal għal bidla progressiva tal-prijoritajiet u r-riżorsi minn politiki tal-iżvilupp għall-interessi tas-settur privat; jirrimarka li l-Artikolu 208 tat-TFUE jiddefinixxi l-objettiv primarju tal-politiki tal-iżvilupp tal-UE bħala "it-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati"; iqis, għalhekk, li huwa essenzjali li tiġi żgurata l-prevalenza tal-interess pubbliku u li tingħata prijorità lil interventi li għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-popolazzjonijiet f'Pajjiżi fraġli u affettwati mill-kunflitt, fil-Pajjiżi b'Introjtu Baxx (LICs) u fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs);

Or. en

Emenda 536

Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jinsisti li l-inizjattiva Global Gateway tirrikjedi approċċ aktar strateġiku u kkoordinat, li jinkorpora kriterji stretti bl-SDGs u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fiċ-ċentru tal-proġetti ffinanzjati kollha tagħha; jinsab imħasseb li l-Global Gateway ma għandhiex mandat ċar fir-rigward tal-iżvilupp, u li t-tfassil u l-ippjanar tagħha huma nieqsa mit-trasparenza u mill-iskrutinju pubbliku;

Or. en

Emenda 537
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu riežaminati l-proġetti eżistenti; it-tip ta' proġetti jridu jitqiesu mill-ġdid biex ikunu jistgħu jinħolqu proġetti tajbin u effettivi bi ftit flus;

Or. en

Emenda 538
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24b. Jemmen li hemm konfużjoni fost l-Istati Membri fir-rigward tal-objettivi u l-implimentazzjoni tal-Global Gateway, b'livelli li jvarjaw ta' interess u involviment, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' komunikazzjoni, koordinazzjoni u allinjament aktar ċari mal-politiki tal-iżvilupp tal-UE eżistenti;

Or. en

Emenda 539
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jissottolinja n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-funzjonament tal-Global Gateway fil-pajjiżi sħab tal-UE u l-assenza ta' mekkaniżmi ċari għall-valutazzjoni tal-impatt tagħha, b'mod partikolari f'kuntesti fraġli fejn il-Global Gateway mhijiex applikabbli; jenfasizza li jrid ikun hemm evalwazzjoni kontinwa tal-Global Gateway biex jiġu vvalutati l-effettività u d-direzzjoni strateġika tagħha;

Or. en

Emenda 540
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24d. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-BEI Globali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva Global Gateway u fil-finanzjament tal-iżvilupp

	sostenibbli; jisħaq fuq il-fatt li l-BEI għandu jintensifika l-kollaborazzjoni tiegħu ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u banek nazzjonali ta' żvilupp oħra biex jimmassimizza l-impatt tal-interventi tiegħu, filwaqt li jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jkunu allinjati bis-sħiħ mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-SDGs;
	Or. en

Emenda 541
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa***;	25. ***Jilqa' l-istabbiliment ta' proċess intergovernattiv biex tiġi adottata l-Konvenzjoni dwar it-Taxxa tan-NU bħala qafas globali ġdid għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa; huwa tal-fehma, b'mod partikolari, li Konvenzjoni dwar it-Taxxa tan-NU bħal din għandha tkun imfassla bil-ħsieb li tiġi żgurata diviżjoni ġusta tad-drittijiet tat-tassazzjoni bejn l-Istati nazzjon u jiġu indirizzati b'mod komprensiv l-evażjoni tat-taxxa, l-abbuż tat-taxxa minn intrapriżi multinazzjonali u flussi finanzjarji illeċiti oħra;*** itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***ikunu involuti b'mod kostruttiv f'dan il-proċess, inkluż billi japprovaw it-Termini ta' Referenza adottati għall-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kooperazzjoni fit-Taxxa Internazzjoni futura tan-NU***;
	Or. en

Emenda 542
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Itenni t-talba ***qawwija*** tiegħu ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa;	25. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa;

Or. en

Emenda 543
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa;	25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa; ***inkluż l-elenkar ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, biex tiżdied il-kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fi kwistjonijiet ta' taxxa biex ikunu jistgħu jsaħħu l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi pubbliċi, u jikkollaboraw ma' negozjati intergovernattivi tan-NU biex jinkiseb il-ħolqien ta' Konvenzjoni Qafas dwar il-Kooperazzjoni fit-Taxxa Internazzjoni tan-NU, sabiex jiġu miġġielda l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa transfruntiera u jingħalqu r-rifuġji fiskali;***

Or. en

Emenda 544
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa;	25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa***, il-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa***; ***jappoġġja l-inizjattiva tal-Brażil fis-Summit tal-G20 għal taxxa minima koordinata fuq l-individwi b'valur nett għoli ħafna, li tkun tilħaq 2 % ta' ġidhom; jappella għal Konvenzjoni Qafas tan-NU vinkolanti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa;***

Or. en

Emenda 545
Laurent Castillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa;	25. Itenni t-talba qawwija tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab fil-ġlieda kontra ***l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari*** l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa ***u dik soċjali***;

Or. fr

Emenda 546
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja li frazzjoni biss tal-ODA (12 %) bħalissa hija mmirata lejn it-tfal meta mqabbla mar-rappreżentazzjoni sinifikanti tagħhom fil-popolazzjoni ta' persuni li jirċievu ODA , anke jekk l-investiment fit-tfal – u mhux biss prijoritajiet settorjali individwali – irawwem titjib dejjiemi tal-livelli ta' għajxien tagħhom, flimkien mal-komunitajiet kollha tagħhom; jappella għall-kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-finanzjament u biex tinqata' l-burokrazija, li jagħmilha aktar diffiċli biex l-għajnuna tilħaq lill-komunitajiet l-aktar vulnerabbli;

Or. pl

Emenda 547
András Tivadar Kulja, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jappella għal monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livelli reġjonali u lokali, inkluż appoġġ għar-riežamijiet lokali volontarji; jisħaq fuq l-importanza li tinġabar u tintuża data diżaggregata skont l-introjtu, l-età, il-ġeneru, id-diżabbiltà u l-ġeografija biex jinftiehem aħjar il-progress fl-ekwità soċjali u territorjali;

Or. en

Emenda 548
Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-UE tillimita l-azzjoni ta' dumping finanzjarju fl-Unjoni Ewropea billi tillimita u/jew tiskoraġġixxi azzjonijiet leġiżlattivi ta' pajjiżi individwali definiti bħala "rifuġji fiskali" li, permezz ta' tassazzjoni ffaċilitata, joħolqu żbilanċi u kompetizzjoni inġusta;

Or. it

Emenda 549
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja li minbarra li jżidu l-ODA, il-finanzjament u l-investiment fis-settur privat għandu jkollhom rwol fl-għeluq tad-distakk fil-finanzjament; iwissi, madankollu, dwar ir-riskji assoċjati mal-privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi;

Or. en

Emenda 550
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri konkreti f'dan il-qasam fis-sentejn li ġejjin;

Or. en

Emenda 551
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jisħaq li d-diżabbiltà tissemma f'diversi partijiet tal-Aġenda tal-2030, b'mod partikolari fit-taqsimiet dwar l-edukazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u x-xogħol deċenti u l-inugwaljanzi; jenfasizza l-isfidi speċjali li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabbiltà u l-familji tagħhom f'termini ta' aċċess għall-għajnuna għall-iżvilupp; jitlob li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali ta' persuni b'diżabbiltà;

Or. pl

Emenda 552
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jinsisti fuq it-titjib fid-disponibbiltà ta' data affidabbli; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mmodernizzata l-istatistika u li jissaħħaħ il-bini tal-kapaċitajiet tad-data fil-pajjiżi tan-Nofsinhar Globali;

Or. en

Emenda 553
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi l-evidenza li turi li t-tkabbir ekonomiku, kif imkejjel mill-PDG, mhuwiex valutazzjoni preċiża tal-prosperità u tal-benessri tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi metrika li tmur lil hinn mill-PDG biex tivvaluta l-benessri tal-bniedem u tal-pjaneta;

Or. en

Emenda 554
Robert Biedroń, Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25d. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jikkooperaw ma' sħab globali biex jitnaqqas id-distakk enormi fil-finanzjament li tħalla miż-żarmar li għaddej bħalissa tal-USAID mill-amministrazzjoni ġdida tal-Istati Uniti; jitlob lill-atturi rilevanti kollha jimmonitorjaw l-effetti ta' dan it-tnaqqis u jirrispondu kif xieraq;

Or. en

Emenda 555
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	SDG 18 – Il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Promozzjoni ta' Governanza Trasparenti; Jappella għall-ħolqien ta'

SDG ġdid dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni ta' governanza trasparenti. Dan se jindirizza direttament il-kawża ewlenija tal-fallimenti tal-iżvilupp u jamplifika l-impatt tas-17-il għan eżistenti. Billi tingħata prijorità lill-eliminazzjoni tal-korruzzjoni, il-komunità globali tista' tiżgura li r-riżorsi finanzjarji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma jinħlewx, li jwitti t-triq għal progress ekwu u sostenibbli sal-2035. Din l-azzjoni tirrikjedi l-miri u l-proposti li ġejjin:1. It-Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet ta' Kontra l-Korruzzjoni - Jiġu stabbiliti aġenziji indipendenti ta' kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kollha sal-2030;2. It-Tisħiħ tat-Trasparenza Finanzjarja - Issir obbligatorja d-divulgazzjoni pubblika tal-baġits tal-gvern, tal-proċessi tal-akkwist u tal-allokazzjonijiet ta' għajnuna barranija sal-2032, bl-użu ta' pjattaformi diġitali aċċessibbli għaċ-ċittadini;3. L-Irkupru u r-Ridirezzjonar tal-Assi Misruqa - Jinħoloq qafas internazzjonali sal-2033 biex jiġu rkuprati l-assi misruqa permezz tal-korruzzjoni, b'mill-anqas 50 % tal-fondi rkuprati investiti mill-ġdid fl-edukazzjoni (SDG 4) u l-kura tas-saħħa (SDG 3) fil-pajjiżi affettwati.

Or. en

Emenda 556
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi***	26. ***Jitlob li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-SDGs u li jittieħed approċċ aktar kawt biex jinkiseb żvilupp sostenibbli; jirrikonoxxi li s-sostenibbiltà ġenwina tista' tinkiseb biss permezz tal-promozzjoni tas-sovranità nazzjonali u l-prinċipji demokratiċi; jitlob li terġa' tiġi***

ewlenin tagħhom;	***kkunsidrata l-governanza globali f'konformità ma' dawn il-prinċipji***;

Or. en

Emenda 557
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni li l-SDGs huma ***l-uniku*** sett ta' għanijiet maqbula globalment ***u komprensivi*** dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw ***u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom***;	26. Itenni li l-SDGs huma sett ta' għanijiet maqbula globalment dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw;

Or. pl

Emenda 558
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom;	26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom; ***jappella biex l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ssir kriterju essenzjali u obbligatorju għall-allokazzjoni tal-fondi Ewropej immirati lejn il-pajjiżi terzi; jisħaq li l-finanzjament Ewropew ikun jiddependi mill-involviment konkret u li jista' jiġi vverifikat fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi***

ekonomiċi u professjonali bejn il-ġeneri, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' miżuri li jippromwovu l-ugwaljanza fis-salarji, l-aċċess tan-nisa għall-edukazzjoni u l-impjiegi, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;

Or. fr

Emenda 559
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom;	26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom; ***jisħaq li l-SDGs ikkontribwew għal xenarju istituzzjonali ttrasformat għall-iżvilupp globali li l-kapaċità tiegħu testendi ferm lil hinn minn dik tal-UE u tal-membri globali biss;***

Or. en

Emenda 560
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni ***li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif***	26. Itenni ***l-importanza tas-sovranità u r-responsabbiltà tal-istati nazzjon għall-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini*** tagħhom;

ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom;

Or. de

Emenda 561
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Emma Fourreau, Catarina Martins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***26a. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi stabbilit SDG addizzjonali impenjat għad-drittjiet u l-benessri tal-annimali, minħabba li dan għadu mhuwiex kopert mis-17-il SDG attwali, iżda għandu impatt fundamentali fuq l-etika, is-saħħa (Waħda), il-bijodiversità u l-klima;**

Or. en

Emenda 562
Aurelijus Veryga, Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***26a. Jappella għal investiment sostanzjali u azzjoni aċċellerata biex jitreġġgħu lura x-xejriet negattivi fl-implimentazzjoni tal-SDG 16 u jitrawwem futur aktar ġust, paċifiku u sostenibbli għal kulħadd;**

Or. en

Emenda 563
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 564
Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030;	***imħassar***

Or. en

Emenda 565
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Emma Fourreau, Catarina Martins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn	27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies***, li tirrispetta u tippromwovi d-drittijiet u l-benesseri tal-annimali*** u li tirrispetta bis-

mill-2030;	sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030;

Or. en

Emenda 566
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. ***Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030***;	27. ***Jitlob li jitqajmu mistoqsijiet b'mod fundamentali fuq il-miri tal-SDGs fid-dawl tal-falliment evidenti tagħhom u li l-politika tal-iżvilupp tkun ibbażata minflok fuq kriterji li jqisu dejjem il-benesseri taċ-ċittadini u tal-kontribwenti Ewropej***;

Or. de

Emenda 567
Antonella Sberna, Pietro Fiocchi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza l-opportunità ***li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu*** ekonomija ***tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u*** li tirrispetta ***bis-sħiħ il-limiti*** tal-pjaneta, ***u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli*** lil hinn mill-2030;	27. Jenfasizza l-opportunità ***ppreżentata mill-SDGs biex titrawwem*** ekonomija ***sostenibbli ċċentrata fuq in-nies*** li tirrispetta ***l-limiti*** tal-pjaneta, ***filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li jiġu ppreżervati t-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ ibbilanċjat li jiżgura sostenibbiltà fit-tul u prosperità*** lil hinn mill-2030 ***f'konformità mal-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi diversi ta' pajjiżi differenti***;

Or. en

Emenda 568
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija ***tal-benesseri reali*** ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti ***tal-pjaneta***, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030;	27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti ***nazzjonali***, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030;

Or. en

Emenda 569
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030;	27. Jenfasizza l-opportunità li l-SDGs jipprevedu li jistabbilixxu ekonomija tal-benesseri reali ċċentrata fuq in-nies u li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti tal-pjaneta, u li ssir ħidma lejn dinja sostenibbli lil hinn mill-2030; ***jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li jitqiesu wkoll il-fatturi ekonomiċi u tiġi sospiża l-burokrazija bla bżonn;***

Or. en

Emenda 570
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

(2) Jenfasizza li l-politiki Ewropej iridu jinkludu approċċ speċifiku għannisa mhux miżżewġin, li jiffaċċjaw rata ta' faqar ogħla u aċċess limitat għall-impjiegi stabbli; jappella għall-istabbiliment ta' miżuri ta' appoġġ imsaħħa, li jinkludu persuni li jindokraw b'mod informali lit-tfal u taħriġ adattat għar-restrizzjonijiet tal-familja;

Or. fr

Emenda 571
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) Ifakkar li t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tista' tirnexxi biss jekk tinkludi lin-nisa, b'mod partikolari dawk li ġejjin mir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer tal-UE, fejn l-aċċess għall-infrastruttura tat-taħriġ u l-opportunitajiet ta' impjieg għadhom limitati; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investiment immirat biex jitnaqqsu dawn l-inugwaljanzi territorjali;

Or. fr

Emenda 572
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) Jisħaq fuq il-ħtieġa li x-xogħol mhux imħallas li jsir mill-persuni li jindokraw b'mod informali jiġi rikonoxxut aħjar, li jikkonċerna l-aktar in-nisa u li jista' jwassal għal prekarjetà

ekonomika fit-tul minkejja li huwa ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi;

Or. fr

Emenda 573
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jafferma mill-ġdid li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) hija rekwiżit fundamentali biex jiġi pprevenut li l-politiki tal-UE jkollhom effetti negattivi fuq popolazzjonijiet fqar u vulnerabbli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob konformità sħiħa magħha, b'attenzjoni speċjali għall-kummerċ, il-finanzi, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, il-migrazzjoni u s-sigurtà; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati u sfruttati b'mod proattiv opportunitajiet għal sinerġija, b'allinjament sħiħ mal-prinċipji tal-Aġenda 2030—"Ħadd ma jitħalla jibqa' lura" u "L-ewwel jiġu indirizzati l-bżonnijiet ta' dawk l-aktar lura"—kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) usa';

Or. en

Emenda 574
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jemmen li kwalunkwe strateġija tal-UE proposta mill-Kummissjoni bl-

objettiv li jintlaħqu l-SDGs għandha tinkludi miri għall-UE kollha, li jistgħu jitkejlu u marbuta biż-żmien u miżuri konkreti biex jinkisbu l-SDGs, li għandhom jinkludu sistema ta' monitoraġġ aġġornata li tqis l-impatt intern u estern tal-UE fuq il-proċess tal-SDGs; jisħaq li jrid ikun hemm governanza u tmexxija ċara fil-Kummissjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-SDGs;

Or. en

Emenda 575
Ingeborg Ter Laak, András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima joħloq dejjem aktar riskji għall-paċi u s-sigurtà, jiggrava l-iskarsezza tar-riżorsi, l-ispostament u t-tensjonijiet ġeopolitiċi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jintegraw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fl-istrateġiji ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u fl-oqfsa tas-sigurtà nazzjonali tagħhom biex jindirizzaw b'mod proattiv dan it-theddid emerġenti;

Or. en

Emenda 576
Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jafferma li l-ilħuq tal-Għanijiet

ta' Żvilupp Sostenibbli jeħtieġ integrazzjoni aħjar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jiggarantixxu aċċess ġust għal taħriġ kwalifikat, finanzjament għall-intraprenditorjat u l-impjieg tal-futur, b'mod partikolari fis-settur teknoloġiku u tal-ambjent;

Or. fr

Emenda 577
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jisħaq li l-UE għandha tadotta approċċ bi prinċipji u inklużiv għall-ipprogrammar li jagħti prijorità lis-solidarjetà globali fuq l-interessi ġeopolitiċi u jintegra viżjoni fit-tul iċċentrata fuq in-nies fl-azzjoni esterna tagħha, minħabba li dan jibni l-fiduċja fost is-sħab globali u jippermetti tibdil sistematiku;

Or. en

Emenda 578
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jisħaq li l-ilħuq tal-Aġenda tal-2030 jiddependi mill-kollaborazzjoni globali u l-azzjoni msaħħa u aċċellerata mill-atturi kollha li jieħdu sehem fl-Aġenda tal-2030; jistieden lill-UE żżid l-

azzjoni u tieħu t-tmexxija fl-avvanz tal-progress f'dawn il-ħames snin qabel l-iskadenza tal-2030;

Or. en

Emenda 579
Barry Andrews, Abir Al-Sahlani, Vlad Vasile-Voiculescu, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jenfasizza li l-PCD hija approċċ għall-integrazzjoni tad-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli fl-istadji kollha taċ-ċiklu tat-tfassil tal-politiki, sabiex jitrawmu sinerġiji fl-oqsma tal-politiki kollha, u jiġu identifikati u rikonċiljati kompromessi potenzjali, kif ukoll jiġu indirizzati l-effetti konsegwenzjali internazzjonali tal-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 580
Mimmo Lucano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jisħaq li l-politiki tal-iżvilupp u tas-sħubija internazzjonali tal-UE, inkluża l-Global Gateway, għandhom dejjem jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u jsegwu approċċ iċċentrat fuq in-nies;

Or. en

Emenda 581
Marc Jongen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti;	***imħassar***

Or. de

Emenda 582
Tiago Moreira de Sá, Thierry Mariani, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 583
Małgorzata Gosiewska, Paolo Inselvini, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 584
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti;	28. ***Jilqa' l-Patt għall-Futur li jwiegħed 56 azzjoni biex jiġi aċċellerat u ffinanzjat l-iżvilupp sostenibbli, jiġi żgurat li t-teknoloġija tkun ta' benefiċċju għan-nies u għall-pjaneta, isir investiment fiż-żgħażagħ, jiġu appoġġjati d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi ttrasformata l-governanza globali; jesprimi dispjaċir għall-oġġezzjonijiet minn xi Stati dwar suġġetti importanti, bħad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'attivitajiet tan-NU;*** Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti ***u miri vinkolanti***;

Or. en

Emenda 585
Leire Pajín, Robert Biedroń, Elena Sancho Murillo, Bruno Tobback, César Luena, Romana Jerković, Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti;	28. Jitlob li l-impenji li saru matul is-Summit tal-Futur u li ġew riflessi fil-Patt għall-Futur jissarrfu f'azzjonijiet konkreti; ***jissuġġerixxi li n-NU għandhom jappoġġjaw lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' skedi ta' żmien konkreti u pjanijiet ta' implimentazzjoni li huma vinkolanti***

għall-Istati firmatarji sal-2030 u lil hinn minnha;

Or. en

Emenda 586
Pär Holmgren, Mounir Satouri
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lin-Nazzjonijiet Uniti jħeġġu lill-Istati Membri kollha jappoġġjaw l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni vinkolanti bi skedi ta' żmien konkreti għall-ilħuq tal-SDGs sal-2030 u bl-istabbiliment ta' miri ambizzjużi lil hinn minnha; iħeġġeġ ukoll lin-NU jibdew iħejju strateġija komprensiva għal wara l-Aġenda tal-2030 ferm minn qabel biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u impenn globali kontinwu għall-iżvilupp sostenibbli;

Or. en

Emenda 587
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jisħaq fuq l-importanza ta' diġitalizzazzjoni ċċentrata fuq il-bniedem u inklużiva, inkluża l-IA, għall-ilħuq tal-SDGs, li tibni fuq il-Patt Diġitali Globali; jinsab ħerqan għar-Rapport tal-2025 li ġej dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem li se jiffoka fuq din il-kwistjoni;

Or. en

Emenda 588
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jenfasizza li s-suċċessi fit-tibdil iridu jsiru viżibbli u li dawn is-suċċessi għandhom jitqiesu bħala l-aħjar prattika;

Or. en

Emenda 589
Nikolas Farantouris, Robert Biedroń

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jissuġġerixxi li n-NU għandhom iħeġġu lill-Istati Membri kollha jappoġġjaw l-introduzzjoni ta' skedi ta' żmien konkreti u pjanijiet ta' implimentazzjoni li huma vinkolanti għall-Istati firmatarji sal-2030 u lil hinn minnha; jistieden lill-Kummissjoni tmexxi bl-eżempju u tiżviluppa strateġija komprensiva akkumpanjata minn pjan ta' implimentazzjoni tal-SDGs strutturat b'miri ċari, konkreti u vinkolanti; jilqa' l-ewwel rieżami volontarju tal-UE tal-implimentazzjoni tal-SDGs fl-2023 u jemmen li l-konklużjonijiet tiegħu jistgħu jservu bħala bażi soda għal dan il-għan; jinsisti li rieżamijiet bħal dawn isiru eżerċizzju regolari u li l-konklużjonijiet tagħhom jitqiesu fi proposti ġodda tal-Kummissjoni; jitlob ukoll li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss ikun konsistenti bis-sħiħ mal-SDGs;

Or. en